# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

## KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI

***(Rapport Uffiċjali u Rivedut)***

## L-GĦAXAR PARLAMENT

**Laqgħa Nru. 31**

**It-Tnejn, 11 ta' April, 2005**

**Stampat fl-Uffiċċju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**Malta**

**Prezz Lm1**

**L-GĦAXAR PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI**

**Laqgħa Nru. 31**

**It-Tnejn, 11 ta' April, 2005**

**Il-Kumitat iltaqa' fil-Palazz, il-Belt Valletta, fis-6.40 p.m.**

**Talba**

## MINUTI

*Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 30 li saret fil-15 ta' Marzu, 2005 ġew konfermati*

**THE CHAIRMAN (Onor. Clyde Puli):** Qabel ma ngħaddu għad-diskussjoni tal-lum nippreżenta lill-kumitat b'dawn id-dokumenti:-

Kopja tar-Rapport tal-Konferenza Ġenerali tal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa;

kopja ta' ittra datata 16 ta' Marzu, 2005 mibgħuta mill-EAPN Malta lill-Membri Parlamentari u lill-MEPs Maltin kollha li tittratta dwar l-aġġornament tal-*Lisbon Strategy* u l-priorita` li qed jagħtu lis-*social cohesion objectives*;

kopja ta` artiklu mibgħut minn Prof. Alex Felice intitolat ''*When Science is not Enough: Fighting Genetic Disease in Brazil*'';

kopja ta' *memorandum* ta' Dr Paul Vassallo Agius dwar xi aspetti fuq moralita` u kura ta' trabi li jitwieldu wara riproduzzjoni assistita;

kopja ta' artiklu ta' Rev. Prof. Emmanuel Agius intitolat ''*When precisley does human life begin*'' li deher fil-ġurnal ''*The Sunday Times*'' ta' l-10 ta' April, 2005; u

traduzzjoni ta' dokument miktub minn Michael Fuchs fl-4 ta' Marzu, 2005 dwar il-pożizzjoni tal-Knisja Kattolika Ġermaniża fuq definizzjoni fil-Liġi dwar il-Protezzjoni ta' l-Embriju.

## IL-BIOTEKNOLOĠIJA F'MALTA U D-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM (KONTINWAZZJONI)

*Il-Kumitat irriżuma mill-14 ta' Marzu, 2005 id-diskussjoni fuq dan is-suġġett.*

**THE CHAIRMAN:** Wara li l-ġimgħa li għaddiet kellna nipposponu l-laqgħat li kellna b'rispett lejn il-Papa, illum se nkomplu bid-diskussjoni dwar il-bioteknoloġija u se jkollna preżentazzjoni minn Dr. Deborah Schembri Tabone. Għaldaqstant insejjaħ lil Dr. Schembri Tabone biex tingħaqad magħna u tagħtina l-preżentazzjoni tagħha.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Mr Chairman, l-ewwelnett nirringrazzja lilek kif ukoll lill-membri ta' dan il-kumitat ta' l-opportunita` li tajtuni biex naqsam magħkom il-ħsibijiet tiegħi. Jien Dr. Deborah Schembri Tabone, avukatessa. Il-kamp tiegħi huwa dak legali għalkemm reċentement qiegħda nkompli l-istudji tiegħi fil-filosofija. Jiena ggradwajt b'baċellarat fil-liġi u l-kriminoloġija fl-1995 u b'dottorat fil-liġi fl-2001. Preżentement qiegħda wkoll insegwi l-kors ta' baċellarat fil-filosofija fl-universita` ta' Malta. Bħala teżi għad-dottorat jien kont għamilt studju komparattiv fuq il-liġijiet barranin fuq *surrogate motherhood* u kont ipproponejt liġi għal Malta fuq is-suġġett fl-istess teżi.

Jien kelli l-opportunita` li naqra u nisma` x'qalu l-kontributuri ta' qabli u għamilt dan b'interess kbir għaliex m'hijiex daqshekk ħaġa ta' kuljum li jkollok opportunita` tisma` opinjoni ta' professjonisti minn kampijiet diversi fuq suġġett tant delikat u li l-litteratura domestika fuqu hija limitata ħafna.

Nibda biex nindirizza l-problema dwar jekk għandux ikun hemm liġi regolatorja dwar il-bioteknoloġija. Il-professuri mill-kamp mediku li tkellmu quddiem dan il-kumitat urew it-tħassib tagħhom rigward il-fatt li jekk issir liġi li tirregola l-bioteknoloġija f'Malta jkun hemm il-possibbilta` li l-proċess xjentifiku jiġi b'xi mod mwaqqaf mill-mixja

mgħaġġla li għaddej biha. F'argument anċillari tqajjem ukoll il-punt illi liġi f'dan il-kamp, proprju minħabba d-dinamiżmu tal-proċess xjentifiku jkollha tinbidel spiss.

Hawnhekk nixtieq nagħmel ftit distinzjonijiet. L-ewwelnett il-liġijiet jistgħu jkunu mfasslin fi tliet stadji differenti. Hemm dawk il-liġijiet li jitfasslu *ex post facto*, jiġifieri l-ewwel tiġri xi ħaġa indesiderabbli u sussegwentement nagħmlu liġi biex nevitaw li terġa` tiġri. Meta jkun hemm lakuna ta' din ix-xorta fil-liġi dejjem jibbenefika min ikollu interess jabbuża, għaliex ħadd ma jista' jżomm lil ħadd legalment responsabbli jekk liġi ma jkunx hemm.

Mill-banda l-oħra liġijiet jistgħu wkoll jantiċipaw x'se jiġri fil-futur. Il-leġislaturi f'dan il-każ jieħdu in konsiderazzjoni l-firxa wiesgħa ta' possibiltajiet remoti li jistgħu xi darba jivverifikaw ruħhom. Din it-tip ta' liġi m'hijiex desiderabbli għaliex tkun liġi esaġerata li tagħti stampa falza tar-realta` u ġġib fix-xejn l-għan li għalih tkun saret.

Bejn dawn iż-żewġ estremi nsibu dawk il-liġijiet li jitfasslu u jiġu fis-seħħ pari passu mar-realtajiet tal-ħajja, xi ħaġa li hija fiha nnifisha hija desiderabbli għaliex jiġu evitati l-abbużi minn min ikollu l-intenzjoni jabbuża filwaqt li jinħass li qed jiġu indirizzati l-esiġenzi attwali tal-pajjiż. Huwa proprju din it-tip ta' liġi li naħseb dan il-kumitat għandu jaspira għaliha.

Xtaqt li noħroġ proprju din id-distinzjoni sabiex nuri kif liġi dwar il-bioteknoloġija m'għandhiex għalfejn tiġi meqjusa mill-professjonisti fil-kamp mediku bħala xi theddida għar-riċerka jew għall-andament tal-proċess xjentifiku. Ma ninsewx li *stante* li l-liġi timxi b'mod anqas mgħaġġel mix-xjenza, ix-xjenza dejjem se jkollha l-*upper hand* f'din il-battalja. Dejjem se jkun hemm avvanzi li mhux se nkunu illeġislajna fuqhom u mhux se jkun hemm liġijiet fuq avvanzi fix-xjenza li għadna ma nafux bihom.

Il-vantaġġ li jkollok liġi speċifika dwar il-bioteknoloġija huwa proprju sabiex dak li huwa meqjus inaċċettabbli mill-prattiċi mediċi eżistenti ma jitħallix isir qisu qatt ma kien xejn. Il-fatt li xi ħaġa hija possibbli xjentifikament ma jfissirx li hija neċessarjament etikament aċċettabbli jew li hija neċessarjament ta' ġid għall-bniedem. Dak li huwa meqjus inaċċettabbli llum, m'huwiex probabbli li se jsir aċċettabbli f'qasir żmien. Hawnhekk m'aħniex nitkellmu fuq affarijiet frivoli, *tipo* kif jitbiddlu l-i*standards* ta' x'inhu aċċettabbli fl-ilbies. Ir-raġunijiet li jagħmlu xi ħaġa inaċċettabbli f'dan il-kamp huma raġunijiet aktar profondi, raġunijiet mibnija fuq id-dinjita` tal-bniedem u fuq id-drittijiet fundamentali tiegħu.

Mela t-tip ta' liġi li fil-fehma tiegħi għandha tirregola dan il-kamp għandha tkun waħda kurrenti li l-għan tagħha jkun li telimina l-abbuż u għaldaqstant it-tobba u l-professuri li huma ta' opinjoni li regolamentazzjoni m'hijiex idonea għaliex twaqqaf riċerka u progress xjentifiku leġittimu ma jkollhomx għal xiex jinkwetaw. Pero` li l-professjoni medika tingħata *carte blanche* li tagħmel li trid u li jogħġobha m'hijiex aċċettabbli.

Huwa prinċipju bażilari tal-liġi li l-liġi għandha tkun waħda stabbli - dan aċċenna għalih anke l-Prof. Serracino Inglott - pero` dan ma jfissirx li ma jiżdidux klawsoli ma' liġijiet eżistenti sabiex jindirizzaw problemi li fiż-żmien li tkun tfasslet il-liġi ma kienux jeżistu. Li huwa importanti li mhux illum ngħidu li l-ħajja tibda wara 14-il ġurnata u s-sena d-dieħla ngħidu mal-konċepiment. Il-liġi fuq dak li huwa magħruf sal-lum għandha tkun ċara kemm jista' jkun u mfassla b'konviċiment morali sod. Jekk nieħdu l-pożizzjoni opposta fuq xi affarijiet xjentifiċi nispiċċaw ma nilleġislaw qatt għaliex il-progress xjentifiku ma jieqafx.

Immaġinaw għal mument, għada filgħodu tabib barrani iħabbar li se jiġi jagħmel *cloning* hawn Malta. Għiduli x'fatta tlaqqgħu dan il-kumitat biex tipprovaw tgħaddu din il-liġi mill-Parlament jekk jista' jkun dik il-

minuta. Infatti naħseb li tafu li konna veru *close* fl-2001. It-tabib famuż Santorini wara li ħabbar li se jieħu vantaġġ mil-lakuna fil-liġi Ingliża biex jagħmel *cloning* hemmhekk, l-Ingliżi tathom rashom u għaddew l-aktar liġi li għaddiet f'qasir żmien fl-istorja leġislattiva ta' l-Ingilterra biex iwaqqfuh milli jagħmel *human cloning*, ħabbar li se jiġi jagħmilha fi gżira fil-Mediterran!

Qed insemmi dan biex nurikom kemm huwa perikoluż li tħalli vojt fil-liġi, kemm m'għandniex inħallu lil min irid jabbuża jagħmel dan ġewwa pajjiżna. Jekk ma jkollniex liġi regolatorja kull min isib intopp leġislattiv f'pajjiżu jiġi jinqeda hawnhekk. Għalkemm Malta dejjem tara kif toħloq it-turiżmu ma naħsibx li dan huwa tip ta' turiżmu li jagħmlilna ġieħ.

Barra minn hekk hemm ħaġa oħra ta' min wieħed jikkonsidra. Ċerti affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-bioteknoloġija - u hawnhekk qed nitkellem speċifikament fuq l-*issues* bħal *surrogate motherhood* - joħolqu problemi addizzjonali. Dan għaliex il-liġijiet preżenti huma f'konflitt bejniethom jekk kemm-il darba tinqala` problema u tipprova tiġi riżolta b'analoġija ma' twelid regolari. Fuq dan nitkellem aktar fil-fond minn hawn u ftit ieħor. Pero' għall-mument nixtieq nindirizza l-problema ta' x'jiġri jekk ma jkollniex liġi u jkollna kwestjoni legali fuq il-filjazzjoni ta' wild minn dan il-proċess, ċioe' tas-*surrogate motherhood.* Il-ġudikant f'dan il-każ jispiċċa leġislatur *de facto*, jiġifieri jkollu jieħu deċiżjoni fuq liġi li ma teżistix u għaldaqstant ikun proprju qed joħloq liġi hu meta dan mhux il-kompitu tiegħu. Din tikser kompletament il-kunċett ta' separazzjoni ta' poter li tirrenja suprema f'kull soċjeta` demokratika.

Mela l-bżonn ta' leġislazzjoni naħseb li ħareġ ċar, għallinqas kif narah jien. Rigward ir-riproduzzjoni assistita żgur li hemm bżonn li jiġu delinjati l-parametri legali dwar l-aspetti basiċi involuti, u allura l-bidu tal-ħajja, l-i*status* morali f'dan l-istadju u min ikollu d-dritt li jagħmel użu minn dawn il-prattiċi kemm-il darba jkun legali. Fil-fehma tiegħi liġi f'dan il-kamp għandha tkun waħda komprensiva speċjalment fejn jidħlu proċeduri estremi bħal *surrogate motherhood* u l-*human cloning* li huma meqjusa fost l-aktar *issues* problematiċi. Għandha tkun ukoll komprensiva fejn wieħed jista' jkun ċert li tista' b'xi mod issir ħsara.

Issa għalkemm hemm ċerti *issues* speċifiċi li tqajmu mistoqsijiet dwarhom waqt dan il-kumitat f'seduti preċedenti li nħoss li għandi nikkummenta fuqhom, nixtieq ngħaddi sabiex nitkellem l-ewwelnett aktar fid-dettall dwar is-*surrogate motherhood* jew maternita` sostitwita li huwa l-kamp li fih jien għamilt ir-riċerka tiegħi. Nagħmel parentesi żgħira biex ngħid li dan il-kunċett ġie msejjaħ "tqala bi prokura". Pero` din id-diċitura hija problematika għaliex prokura fil-liġi tagħna hija xi ħaġa li torbot lill-partijiet li jidħlu għaliha, filwaqt li hawnhekk m'għandna rabta legali ta' l-ebda tip *stante* li kif naraw 'il quddiem il-persuna umana ma tistax tkun is-suġġett għal kuntratti.

Massima legali li sakemm ma tfaċċax il-kunċett ta' maternita` sostitwita, kif se nsejħilha jien, kienet tgħodd f'kull każ u li fiha konna nsibu ċertu tip ta' konfort hija dik "*mater semper certa est*", u ċioe` "l-omm hija dejjem ċerta". Din il-massima legali llum il-ġurnata sfortunatment m'għadhiex applik-abbli. Il-maternita` sostiwita għaldaqstant toħloq problemi legali ġaladarba l-liġi tagħna hija mibnija proprju fuq dak il-kunċett.

Id-definizzjoni ta' "maternita` sostitwita" li tagħti l-*American Academy of Paediatrics* hija "*a woman who carries a pregnancy for another woman*", li magħha l-*Warnock Report* iżid "*with the intention that the child be handed over after birth*". Iżda biex tikkomplika l-biċċa daqsxejn aktar hemm tipi differenti ta' maternita` sostitwita. Fil-fatt hemm dak tradizzjonali (*traditional surrogacy*) kif ukoll dik ġestazzjonali (*gestational surrogacy).*

*Traditional surrogacy* tivverifika ruħha meta mara tiġi artifiċjalment inseminata bi sperma ta' raġel li mhux is-sieħeb tagħha sabiex b'hekk tikkonċepixxi u ġġorr tarbija li mhux se tiġi mrobbija minnha iżda mill-missier ġenetiku tat-tarbija u s-sieħba tiegħu. Jista' jkun ukoll li t-tarbija tiġi mrobbija mill-missier li xtaq it-tarbija anke jekk mhux il-missier ġenetiku, jekk ikun il-każ ta' sperma b'donazzjoni.

*Gestational surrogacy* issir permezz ta' IVF. Dan isir billi l-bajd jiġu ffertilizzati bl-isperma barra l-ġisem tal-mara u mbagħad jitpoġġa fl-utru tal-mara. Għalhekk din il-mara tkun qiegħda ġġorr tarbija li mhux ġenetikament relatata magħha. Aktar tard it-tarbija tiġi mogħtija lil persuni li jkunu xtaqu t-tarbija (*commissioning parents).* Dawn jistgħu jkunu t-tnejn ġenetikament l-ġenituri tat-tarbija jew wieħed ġenetikament ġenitur għaliex tkun intużat bajda ta' donatriċi jew alternattivament sperma ta' donatur, jew inkella ż-żewġ persuni li se jrabbu t-tarbija jistgħu ma jkunux ġenetikament relatati mat-tarbija għaliex kemm-il bajd kif ukoll l-isperma jkunu minn ta' donaturi.

Biex nirrikapitola, id-distinzjoni bażilari bejn *traditional and gestational surrogacy* għaldaqstant tiddependi mir-relazzjoni ġenetika li għandha l-omm li qed iġġorr it-tarbija ma' l-istess tarbija. Tant biex niċċaraw id-distinzjonijiet li jistgħu u fil-fatt joħolqu problemi legali li se niddiskutuhom ftit aktar tard.

Importanti ħafna wkoll minn barra dawn id-distinzjonijiet, għall-leġislatur, huma l-persuni li jistgħu jkunu interessati jużaw il-maternita` sostitwita bħala mezz li bih ikollhom tarbija. U hawnhekk hawn erba` gruppi li jista' jkollhom interess. L-importanza li nħarsu lejhom toħroġ mill-fatt li l-leġislatur jista' jkun irid jillimita l-applikazzjoni tal-liġi għal gruppi speċifiċi.

Dawn l-erba` gruppi huma koppji infertili, koppji fertili, *singles* u omosesswali. Distinzjoni oħra li trid issir deċiżjoni fuqha hija jekk meta ngħidu "koppja" infissrux primarjament "koppja miżżewġa". Pero` din tapplika għal kull tip ta' assistenza fir-riproduzzjoni u mhux għall-maternita` sostitwita biss, u għaldqastant din niddiskutiha jekk ikolli ċans aktar tard.

Ngħaddi għall-koppji infertili. Il-*World Health Organisation* tikkonsidra koppji infertili dawk li ma jirnexxilhomx jikkonċepixxu wara sentejn ta' *unprotected intercourse.* Pero` fil-kamp mediku 18-il xahar huma ġeneralment meqjusa biżżejjed bħala indikattivi ta' problema ta' infertilita`. Hemm persentaġġ ta' koppji infertili li qatt ma titranġa s-sitwazzjoni tagħhom u għaldaqstant ikollhom żewġ *options* jekk it-tnejn ikunu legalment possibbli, u ċioe` l-adozzjoni jew il-maternita` sostitwita.

Ċerti koppji jistgħu jirrikorru għall-maternita` sostitwita wara li jkunu qatgħu barra l-*option* ta' l-adozzjoni, jew għaliex jarawha diffiċli jew għax il-proċess twil jew għaliex ma jkunx eliġibbli jew inkella jaħsbu li m'humiex eliġibbli. Għalkemm xi sitwazzjonijiet minn dawn jistgħu jkunu veri, l-adozzjoni bħala fatt hija inqas problematika speċjalment mil-lat etiku, kif se naraw mill-maternita` sostitwita. Ċerti koppji ma jarawx il-maternita` sostitwita bħala *option* wara li jikkonsidraw l-adozzjoni, iżda bħala mezz ta' kif ikollhom tfal li jkunu ġenetikament relatati.

Il-kwestjoni li tinqala` hawnhekk hija jekk fil-fatt hijiex il-ġenetika l-fattur ewlieni jew determinanti li tagħmel wieħed ġenitur. Forom differenti ta' familji bħal dawk maħluqa permezz ta' adozzjoni, *step parenting* jew *blended families* juru li għalkemm il-ġenetika għandha l-importanza tagħha, m'hijiex fil-fatt fattur essenzjali.

L-argument tal-koppji infertili li jkunu jixtiequ l-maternita` sostitwita bħala mezz kif ikollhom l-ulied jgħidu li huma xorta jippreferu tfal ġenetikament relatati magħhom. Barra minn hekk iġibu wkoll l-argument li hawn min ikollu bżonn *baby sitter* jew *foster carer* biex irabbi t-tfal, u din

mhux moralment kundannabbli, u għaldaqstant m'għandux ikun moralment kundanabbli li huma jagħmlu użu minn assistenza ta' ċerti nies biex iġorru u jwelldu t-trabi tagħhom.

Ngħaddi issa għall-koppji fertili. Dawn il-koppji ċertament isibu anqas *support* pubbliku minn koppji infertili meta jkunu jixtiequ s-servizzi ta' omm li ġġorrilhom it-tarbija. L-idea ġenerali hija li r-riproduzzjoni assistita hija mezz kif tgħin nies jottjenu artifiċjalment dak li preferibbilment jottjenu naturalment, iżda sfortunatament ma jistgħux.

Alan Rassaby taċ-ċentru tal-bioetika umana f'Monash University f'Melbourne jiddefendi l-użu tal-maternita` sostitwita f'każijiet ta' nisa li jixtiequ l-ulied b'dan il-mod minħabba l-karriera. Huwa jgħid li m'hemm xejn ħażin li tuża dan il-mezz għall-konvenjenza minflok minħabba neċessita`. Huwa jsostni li *a busy female executives or model's need for a surrogate may be just as great as that of an infertile woman's,* għalkemm jgħid li koppji infertili għandhom jiġu preferuti jekk ikun hemm riżorsi skarsi.

Il-*Warnock Report* jgħid li fejn jidħlu koppji fertili l-maternita` sostitwita hija *totally ethically unacceptable.* Dan ir-rapport ġie kkritikat għaliex inħass in-nuqqas ta' apprezzament, għaliex xi nisa jistgħu jsibu dan il-metodu konvenjenti.

L-aktar aspett problematiku pero`, meta niġu għal min huwa jew jista' jkun interessat fil-maternita` sostitwita, huwa meta niġu għas-*singles* u l-omosesswali.

Il-problema hawnhekk tirrivolvi fuq l-akkuża li meta wieħed jgħin lil dawn in-nies biex ikollhom it-tfal b'mezzi riproduttivi assistiti jkun qiegħed jabbuża mill-kapaċitajiet mediċi *stante* li dawn in-nies ma jkunux qegħdin ifittxu l-maternita` sostitwita bħala mezz kif jegħlbu l-problema medika.

Kemm is-*singles* kif ukoll l-omosesswali jġibu l-argument li l-pożizzjoni tagħhom hija identika għal dik ta' koppji infertili. Il-maternita` sostitwita m'hijiex soluzzjoni għal problema ta' l-infertilita` ġaladarba l-problema tibqa', għaliex dawn il-koppji ma jiġux fertili iżda hija biss mezz kif tissorpassa limitazzjonijiet li jkun hemm sabiex wieħed isir ġenitur. Għaldaqstant huma jsostnu li ma jistax wieħed jgħid li l-maternita` sostitwita hija ġustifikata f'każ ta' koppji infertili u mhux fil-każ tagħhom.

Dan l-argument għalkemm jinstema` tajjeb jinjora d-distinzjoni fundamentali bejn il-koppji infertili fuq naħa waħda u s-*singles* u l-omosesswali fuq in-naħa l-oħra. Dan għaliex għalkemm it-tnejn ma jistax ikollhom tfal b'mezzi naturali, din l-inabilita` m'hijiex karatteristika ta' koppji eterosesswali, filwaqt li hija karatteristika ta' koppji omosesswali u *singles.* It-teknoloġiji riproduttivi donnhom jagħtu lill-koppji infertili dak li bħala koppji eterosesswali huma mistennija li jkollhom, u ċioe` tfal li huma ġenetikament relatati. Il-maternita` sostitwita għaldaqstant hawnhekk hija sostitut għan-natura.

Ma jistax jingħad l-istess għal *singles* u koppji omosesswali li huma f'kull każ preklużi min-natura li jirriproduċu b'mezzi naturali. Il-maternita` sostitwita f'dan il-każ tmur kontra n-natura billi tagħti lil dawn in-nies dak li n-natura qatt ma kellha l-intenzjoni li tagħtihom. Hemm ovvjament min jinjora dan kollu u jibbaża kollox fuq l-imħabba li wieħed jagħti lill-ulied kemm jekk f'sitwazzjoni ta' familja tradizzjonali kif ukoll f'familja b'ġenituri omosesswali.

Il-*Warnock Report* f'dan ir-rigward jgħid ukoll li r-riproduzzjoni għandha tiġi ristretta għal familji nukleari sabiex wild ikun imwieled f'familja b'żewġ ġenituri eterosesswali. Min-naħa l-oħra l-*Glover Report* għall-Kummissjoni Ewropea ta' l-1989 isostni li jekk *singles* u omosesswali jistgħu joffru lit-tarbija ambjent li huwa kompatibbli għal bidu tajjeb fil-ħajja, allura dawn għandu jkollhom aċċess għal dawn it-teknoloġiji riproduttivi.

Jidher li hija xi ħaġa naturali li persuna tkun tixtieq li jkollha ulied ġenetikament relatati magħha. Allura x'inhi l-problema meta niġu għal maternita` sostitwita? Għaliex wieħed għandu jkun miċħud il-pjaċir li jrabbi t-tfal tiegħu għalkemm miġjuba b'mezzi artifiċjali? Ir-risposta għal dawn il-mistoqsjiet m'hijiex faċli pero' hemm bżonn li tiġi mwieġba.

L-ewwelnett għalkemm l-idea wara l-maternita` sostitwita hija biex il-koppji jkunu jistgħu jifformaw familiji tradizzjonali, jista' jkun li dan il-metodu jispiċċa biex jagħmel il-familja tradizzjonali xi ħaġa tal-passat. It-tieni, wieħed ma jistax jasal għall-konklużjoni jekk għandhiex tkun permessa l-maternita` sostitwita jew le billi jiġu mħarsa biss ix-xewqat u l-bżonnijiet tal-persuni li huma interessati li jkollhom l-ulied b'dan il-mezz. Huwa essenzjali li wieħed jara daqsxejn il-problemi etiċi li huma marbutin ma' dan il-mezz tar-riproduzzjoni artifiċjali. Il-problemi etiċi huma mibnija madwar il-wild minn dan il-metodu, madwar l-omm u madwar il-missier. Għalkemm fuq it-tlieta li huma hemm ħafna xi tgħid jien nagħżel li nitkellem fuq it-tfal għaliex inkella żgur ma jkollix ħin biżżejjed.

Għalkemm direttament involuti u mingħajrhom il-kunċett jisfaxxa fix-xejn, it-tfal imwielda mill-mezz riproduttiv ta' maternita` sostitwita huma dawk li m'għandhomx leħen. Importanti ngħidu li m'għandhomx leħen ma jfissirx li m'għandhomx drittijiet, iżda jfisser li aħna li għandna leħen għandna r-responsabbilta` addizjonali li nissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom.

Hemm teoriji diversi dwar għal xiex tammonta din ir-responsabbilta`, iżda l-aktar teorija li tagħti importanza lill-individwu bħala individwu hija dik imsejħa *person-affecting intuition.* Din it-teorija tgħid li wieħed għandu jagħmel dak li jġib miegħu l-aħjar konsegwenzi meta tikkonsidra l-alternattivi li jkollu fil-mument. Wieħed ikun qiegħed jagħmel il-ħsara biss jekk jagħmel l-għażla ħażina. Din it-teorija hija l-aktar waħda sempliċi u prattika u ġusta fil-fehma tiegħi, u għaldaqstant se nħares lejn il-maternita` sostitwita minn dan il-lat.

Mil-letteratura eżistenti li kkonsultajt jidher li ħsara fiżika involuta f'dan il-mezz riproduttiv m'hemmx, jew aħjar, m'hijiex akbar minn dak tal-proċess naturali. Il-biża` hija aktar rigward ħsara psikoloġika li tiġi minn verita` ħarxa ta' kif ġew fid-dinja dawn it-tfal. Awturi divesi trattaw dan l-argument u l-maġġoranza tal-problemi li jsibu t-tfal f'dawn is-sitwazzjonijiet huwa rigward l-identita` tagħhom, nuqqas ta' *self-esteem* u *feelings* ta' *rootlessness and rejection.* Dan jiġi mill-fatt li r-relazzjoni li wieħed iħoss li għandu ma' ommu ma teżistix bl-istess mod f'dawn is-sitwazzjonijiet għaliex fl-agħar xenarju għandek sitt ġenituri potenzjali. Potenzjali fis-sens li kollha b'xi mod jistgħu jkunu kontributuri u għaldaqstant ikollhom pretenzjonijiet legali, speċjalment jekk ma jkunx hemm liġi regolatorja.

F'każ fejn il-materjal ġenetiku huwa mogħti b'donazzjoni it-tarbija tispiċċa jkollha sett ta' ġenituri ġenetiċi, sett ta' ġenituri li jwellduha, l-omm sostituta u r-raġel tagħha, u sett ta' ġenituri soċjali li ngħidulhom il-*commissioning parents.* Għalkemm dan mhux l-aktar xenarju komuni, minkejja Ii kien hemm sitwazzjonijiet bħal dawn, xorta jibqa' l-fatt li t-tarbija jkollha żewġ ommijiet, mingħajr liema ma setgħetx tingħata l-ħajja. Minkejja l-fatt li għal-liġi omm waħda biss tista' tiġi magħrufa bħala tali, għat-tarbija dan mhux il-każ.

Il-*Benda Commission* tal-Ġermanja tal-Punent semmiet ukoll il-fatt li t-tifel jew tifla jista' wkoll isofri minn insigurta` emozzjonali meta jsir jaf li kien mogħti minn ommu jew saħansitra mibjugħ. Il-fatt li l-omm sostituta tagħti lit-tarbija m'hijiex wara kollox frott ta' ċirkostanzi diffiċli li jġegħluha tagħmel hekk kontra qalbha, xi ħaġa li t-tifel jew t-tifla jista' jikber, jifhem u jaħfer. Iżda l-għotja tat-tarbija hija raġuni vera u proprja għaliex twieldet it-tarbija.

Hawnhekk huwa fundamentali li wieħed jinnota li l-argument li l-maternita` sostitwita u l-adozzjoni huma ħsara tollerabbli komparabbli ma' xulxin, huwa fallaċi, argument difettuż. Dan għaliex għalkemm it-tnejn joħolqu familji alternattivi għal dawk tradizzjonali u għalkemm it-tnejn joħolqu problemi psikoloġiċi, in-natura tal-problemi psikoloġiċi m'hijiex l-istess. Differenza essenzjali hija dik li fl-adozzjoni ir-*raison d'être* hija l-aħjar interess tat-tifel, li jkollu jingħata mill-ġenituri tiegħu li l-imħabba lejh timbuttahom isibulu alternattiva ta' ħajja bil-wisq aħjar milli jistgħu joffrulu huma.

Fil-maternita` sostitwita t-tarbija hija mogħtija b'kuntratt, irrespettivament mill-aħjar interessi tagħha. Għaldaqstant għalkemm tifla adottata tista' ssib konsulazzjoni fil-fatt li kienet l-imħabba tal-ġenituri tagħha li ġegħlithom jagħtuha għall-adozzjoni, din il-konsulazzjoni hija sfortunatament ineżistenti għal tifel imwieled permezz tal-maternita` sostitwita. L-eżistenza ta' tifel f'din iċ-ċirkostanza hija normalment miftehma b'kuntratt taħt impożizzjoni ta' ċerti termini, kondizzjonijiet u garanziji daqslikieku kien xi kumdita` *custom-made* għal xerrej garantit - veru xenarju li jaspira tajjeb għal tifel mimli b'insikurezza emozzjonali u kriżi ta' identita`!

Anke li kieku b'xi ftit ġinnastika mentali naslu biex ngħidu li t-tnejn jipproduċu l-istess tip ta' ħsara xorta jibqa' l-fatt li fl-adozzjoni l-ħsara hija inevitabbli filwaqt li fil-maternita` sostitwita hija totalment evitabbli. L-argument li aħjar tgħix bil-problemi kollha li jista' jkollok milli ma tiġix fid-dinja huwa argument fallaċi f'dan il-każ. Għaliex? Għax wieħed ma jistax ikun qiegħed jagħmel ħsara lil xi ħadd billi ma jġibux fid-dinja, fis-sens li ma jikkonċepihx. Tarbija li ma ġietx ikkonċeputa m'hijiex tarbija li qed tistenna x'imkien misterjuż biex titwieled. Għaldaqstant filwaqt li l-għażla fl-adozzjoni hija bejn ħajja miżera u ħajja aħjar bi ftit problemi psikoloġiċi u superabbli, l-għażla tal-maternita` sostitwita hija bejn li ma tikkonċepixxix, u allura tevita l-ħsara, u tikkonċepixxi meta taf li se ġġib tarbija fid-dinja mimlija bi problemi psikoloġiċi verament diffiċli. Bħalma għedna fil-bidu t-teorija tal-*person-affecting intuition* tgħid li jekk għandek għażla bejn żewġ affarijiet u tagħżel lil waħda li ġġib konsegwenzi ta' ħsara għal ħaddieħor, hemmhekk u hemmhekk biss il-ħsara hija volontarja u għaldaqstant kundanabbli.

Oġġezzjoni oħra għall-maternita` sostitwita, minn barra l-*issue* tal-ħsara volontarja lit-tarbija, hija li dan il-mezz riproduttiv huwa forma ta' bejgħ ta' tfal li ulterjorment jagħti lok għal komodifikazzjoni tagħhom. Kull prattika li tirriduċi l-persuna umana għal prodott li jista' b'xi mod jinxtara tmur kontra d-dinjita` tal-bniedem f'kull soċjeta` ċivilizzata. Din hija r-raġuni għaliex l-iskjavitu` ġiet abolita, għaliex wieħed iħares bl-ikrah lejn il-prostituzzjoni u għaliex il-bejgħ tat-trabi jmur kontra kull etika.

Għalkemm hemm każijiet ta' maternita` sostitwita għal raġunijiet altruisti, dan ġeneralment isir għal prezz fiss. Kuntratt ta' maternita` sostitwita jiffisa ammont ta' flus li għandu jiġi mħallas lill-omm li se twelled it-tarbija. Dawk favur jgħidu li l-pagament huwa għall-ġestazzjoni tat-tarbija u li l-ħlas huwa għat-twelid u mhux għat-tarbija. Hemm min jgħid li huwa *pre-natal baby sitting*, u hemm min jgħid li dan huwa ħlas bħal meta tħallas tabib biex jagħmel proċedura bħall-IVF.

L-ewwelnett jekk inhuwa minnu li l-ħlas huwa għall-ġestazzjoni jew biex wieħed iwelled tarbija, allura omm li qed iġġorr lit-tarbija tkun imħallas *pro-rata* jekk tkorri, li mhux il-każ, jew inkella tkun imħallsa *in full* anke jekk trid iżżomm it-tarbija ġaladarba tkun ġarritha u wellditha, li mhux il-każ lanqas. Il-kuntratti f'dan il-każ ikunu magħmulin b'mod li l-obbligu ta' l-omm li twelled ikun jinkludi l-għoti tat-tarbija lil min se jħallasha flimkien mal-*patria potesta*, u ċioe` d-drittijiet kollha tal-ġenitur. Is-servizz ġestazzjonali huwa verament importanti biss sakemm iwassal sa dan ir-riżultat.

Wieħed jista' jgħid li ma jkunx hemm bejgħ ta' tfal jekk il-ġenituri ġenetiċi wieħed jew tnejn, ikunu dawk li jħallsu l-flus għaliex f'dan il-każ ma jistgħux ibigħu dak li huwa diġa` tagħhom. Iżda din hija inkorretta wkoll għaliex l-omm li twelled għandha d-drittijiet pjeni fuq it-tarbija flimkien ma` żewġha, jekk tkun miżżewġa, u għaldaqstant xorta jkun hemm ħlas għat-tarbija.

Li wieħed jgħid li hija forma ta' *pre-natal baby-sitting* hija 'l bogħod mill-verita' għaliex meta jkun hemm *baby-sitting,* il-koppja li tqabbad il-*babysitter* hija legalment il-ġenitur tat-tarbija. F'dan il-każ l-omm li twelled hija preżunta ġenitur u ma tistax tagħti d-drittijiet tagħha lil ħaddieħor qabel it-twelid tat-tarbija. Li omm f'maternita` sostitwita tista' titqies bħal tabib li jagħmel l-IVF hija ukoll żbaljata għaliex it-tabib ma jsirx huwa stess missier f'dan il-proċess.

Għaldaqstant ir-raġunijiet mogħtija minn dawk li jiffavorixxu dan il-proċess m'humiex daqstant sani. Jibqa' dawk li jsostnu li ma fiha xejn ħażin li wieħed intenzjonalment jipprokrea tarbija li ma jippjanax li jrabbi sakemm min jippjana li jrabbiha jkollu l-aħjar interessi tagħha f'moħħu. U għalhekk wieħed jistaqsi: X'hemm ħażin b'daqshekk?

Scott B. Rae li huwa professur ta' l-etika u kittieb fuq is-suġġett jgħid li dawn il-kuntratti jinvolvu l-bejgħ tat-tfal li jmur kontra d-dinjita` umana. Fil-fatt jgħid: "*That human beings, and particularly the most vulnerable human beings, children, must not be put up for sale, even to benevolent buyers, because people have inherent worth that puts them above the vicissitudes of the market*". Awturi oħrajn fuq is-suġġett huma ta' l-istess opinjoni għalkemm ipoġġuha t'termini kemm xejn differenti.

Minn din toħroġ ukoll il-problema ta' komodifikazzjoni li prattikament tinvolvi li t-tfal jintużaw għal skopijiet *oltre`* milli għalihom infushom, u għaldaqstant biex tistagħna l-omm li twelled biex jinqatgħu x-xewqat tal-koppji infertili u affarijiet ta' din ix-xorta. It-tarbija qatt ma tista' tkun *wanted for its own sake,* speċjalment mill-omm li twellidha. Il-każ ta' *baby Adam* fis-sena 2000 huwa *a case in point,* fejn dan ġie magħmul biex isalva lill-oħtu li kienet tbati minn *Fanconi anemia*.

Ulterjorment meta wieħed iħallas għal xi ħaġa jippretendi li tkun perfetta kemm jista' jkun u li tkun kif iridha hu. Riċetta diżastruża tiġi speċjalment meta tgħaqqad dan il-proċess mal-konċett ta' *designer babies.* Persuna li kienet tipprokura ommijiet bħala sostituti tgħid li l-ġenituri jitolbu *portfolios* minn fejn jagħżlu u joqogħdu attenti għad-dehra ta' l-omm speċjalment meta parti mill-materjal ġenetiku jkun se jkun tagħha. Huwa jgħid ukoll li jintalab anke l-IQ. Għalkemm jista' jkun li għadna ma wasalniex kompletament biex nagħżlu l-kulur ta' l-għajnejn, ix-xagħar, l-IQ, eċċ., ir-rapport ta' dan ir-raġel juri biċ-ċar li x-xewqa tal-ġenituri li jagħżlu qiegħda hemm.

L-imħabba m'hijiex kondizzjonata li aħna mdorrijin nassoċjaw mal-ġenituri lejn uliedhom f'pajjiżi fejn il-maternita` sostitwita hija permessa qed tiġi kondizzjonata u l-aċċettazzjoni lejn tarbija *for its own sake* qed tiġi mminata minn idea konsumerista ta' wlied perfetti li jista' jkollna jekk naffordjawhom.

Każ partikolari li juri l-aspettativi tal-ġenituri huwa dak magħruf bħala il-Malahoff/Stiver *case*. Stiver kienet l-omm li welldet u Malahoff il-koppja li riedet it-tarbija. Meta t-tarbija twieled sabu li kellu kondizzjoni medika li kienet tinkludi, fost affarijiet oħra, *mental retardation.* It-tifel kellu wkoll *infection* li kien se jikkawżalu nuqqas ta' smigħ u dawl u ħadd ma ried jiġi kkonsidrat ġenitur ta' dan it-tifel. L-omm li wellditu spiċċat aċċettat wara li sabu li fil-fatt kien minn tar-raġel tagħha għax ma onoratx il-kondizzjonijiet u kellha x'taqsam miegħu waqt iż-żmien ta' l-inseminazzjoni. Pero` Malahoff sinifikament qal li kieku nstab li kien minn tiegħu kien jagħtih għall-adozzjoni, iżda li kien normali kien iżommu.

Dan qed ngħidu biex nuri kif l-aspettiva tal-ġenituri li jħallsu għall-ulied tinbidel kompletament. Dan it-tip ta' konsumeriżmu m'huwiex etiku għaliex jisraq it-tfal mid-dinjita` tagħhom bħala persuni speċjali u uniċi, maħbuba għalihom infushom irrispettivament minn jekk humiex bjondi jew le, b'għajnejn ħodor jew blu u b'IQ fenominali.

Hemm min min-naħa l-oħra jgħid li tagħżel l-ulied huwa saħansitra dritt. Min jgħid hekk qisu qiegħed jgħid li jekk mara jogħġobha t-tul f'raġel, allura għandha dritt għal raġel li fih seba` piedi. Dan id-dritt sempliċement ma jeżistix. Sfortunament l-enfasi fuq il-ġenituri xi minn daqqiet jiġi esaġerat, qisu l-fatt li huma għandhom ix-xewqat ifisser li x-xjenza u l-liġi għandha tissodisfahomlhom. L-aħħar ħaġa li se nirriferi għaliha qabel ma ngħid kif il-liġi tagħna eżistenti ma tipprovdix soluzzjonijiet għall-kwestjonijiet legali li joħorġu minn maternita` sostitwita tirrigwarda r-riproduzzjoni wara l-mewt tal-ġenitur permezz ta' omm sostituta, dak li bl-Ingliż jissejjaħ *posthumous reproduction.*

Li tarbija titwieled fl-assenza tal-missier li jkun miet waqt it-tqala m'hijiex sorpredenti. M'hemm xejn ħażin f'dan għaliex m'hijiex xi ħaġa li tista' tiġi kkontrollata. Ir-riproduzzjoni wara l-mewt pero` tinvolvi sperma ffriżata, bajd iffriżat, jew embrijuni ffriżati, jiddependi dejjem skond il-każ. Illum il-ġurnata għalhekk huwa possibbli li jkun hemm riproduzzjoni anke jekk l-omm ġenetika tat-tarbija tkun mejta. F'dan il-każ ikun hemm bżonn ta' omm sostituta.

Fl-1997 kien hemm, per eżempju, il-każ ta' Julie Garber li mietet b'*lymphoblastic leukaemia*. Hija kienet introduċiet embrijuni minn sperma ta' donatur qabel ma mietet u ħallithom lill-ġenituri tagħha fil-wirt. Dawn aktar tard iddeċiedew li jużaw omm sostituta biex ikollha t-tarbija ta' binthom, tarbija li ma kellhom ebda intenzjoni li jrabbu huma, iżda li riedu jagħtuha l-ħajja sempliċement għaliex binthom dejjem xtaqet issir omm. Naħseb li m'għandix għalfejn nelabora fuq il-problemi li jkollu jirrinfaċċa wild li mill-bidunett tiegħu kellu ommu mejta, missieru mhux magħruf, nanniet li ma riedux irabbuh u omm sostituta li ġarritu għall-flus u ma riditux lanqas! L-omm sostituta korriet waqt it-tqala, pero' ma jfissirx li ma jistax ikun hemm każijiet simili li minnhom jitwieldu l-ulied. Għaldaqstant irridu noqogħdu verament attenti li ma nħallusx *loopholes* f'din il-liġi li nispera li tara d-dawl ma ddumx.

Hemm ħafna problemi oħra rigwardanti l-omm u l-missier li m'għandix ċans niddiskutihom hawnhekk, pero' li huma ta' importanza kbira. Jien se nħallilkom kopja tat-teżi tiegħi għal min irid jaqra aktar dwar dawn. Jien iddeċiedejt li niffoka fuq it-tfal għaliex l-adulti ta' l-inqas għandhom leħen diġa` u kull possibilta` li jsemmgħuh.

Li nixtieq insemmi fil-qosor hija kwestjoni ta' maternita` sostitwita li ssir bla ħlas minn xi membri tal-familja. Għalkemm din tidher kwestjoni altruista u anqas kontroversjali dan m'huwiex il-każ. Femministi jħossu li din hija aktar insidjuża għaliex tinvolvi esplojtazzjoni kemm emozzjonali kif ukoll fiżika ta' l-omm li twelled għal min jiġi minnha. Tistgħu taħsbu kif tħossha mara li tkun se twelled tarbija għal oħtha per eżempju, u tiddeċiedi li trid iżżomm it-tarbija għaliex ma tistax tinfired minn magħha. Id-dinamika tal-familja tikkrea ambjent ostili u tpoġġi lil din il-mara f'dilemma bejn is-sentimenti lejn it-tarbija u r-rabta mal-familja.

Għaldaqstant fil-fehma tiegħi, wieħed m'għandux jinjora dan il-fatt jew jaħseb li huwa priv mill-problemi. Dan minn barra li wieħed jispiċċa b'zija li hija ommu, kuġini li huma *half brothers* u *sisters,* eċċ. Taħwida akbar tkun meta tkun omm l-omm li tkun ġarret it-tarbija u għaldaqstant it-tarbija tkun oħt l-omm li qed trabbiha bil-konsegwenzi kollha li jista' jkollha.

Ngħaddi issa għal-liġi. Fl-istudju tiegħi jien analizzajt il-liġijiet ta' l-Amerika stat bi stat, ta' l-Awstralja stat bi stat, Franza, l-Italja, ir-Renju Unit, Spanja, il-Ġermanja u l-

konvenzjonijiet Ewropej. Ovvjament l-istudju huwa datat 2001 u għaldaqstant xi bidliet kien hemm, l-aktar waħda konsiderevoli kienet fl-Italja. Madanakollu hemm spettru ta' postijiet li għandhom liġijiet, oħrajn li m'għandhomx u oħrajn li jikkriminalizzaw il-proċess. Se ngħidilkom biss kif qassamthom biex ikollkom idea tal-problemi. Pero` ma nistax nidħol fihom għaliex impossibbli, tenut kont tal-ħin.

Għal min huwa interessat l-istudju huwa fid-dettall pero' mexxej, jekk tridu taqrawh. Hemm ukoll sensiela ta' każijiet li juru l-problemi fid-dettall.

Mela hemm pajjiżi jew stati li jipprojbixxu kull tip ta' maternita` sostitwita. Hemm dawk li jipprojbixxu iżda ma jppenalizzawx maternita` sostitwita għall-flus, dawk min-naħa l-oħra jipprojbixxu u jippenalizzawha, dawk li jipprojbixxu indħil ta' terzi persuni, dawk li ma jipprojbixxuhiex, dawk li saħansitra illegalizzawha u stati fejn għalkemm ma jgħidu xejn presumibbilment hija meqjusa valida. Hemm ukoll dawk li m'għandhomx liġi u fejn m'hemmx liġi kien hemm każijiet fejn kuntratt ta' maternita` sostitwita ġie kkonsidrat validu, fejn ġie kkunsidrat inkapaċi li jiġi inforzat u fejn ġie meqjus saħansitra illegali.

Se ngħaddi issa għal Malta li tikkonċerna lilna iktar mill-qrib. L-interess tiegħi fl-istudju komparattiv infatti kien li nanalizza l-iżbalji tal-pajjiżi l-oħra fid-dettall, anke tad-diċitura tal-liġi, sabiex nippruvaw ma nirrepetuhomx meta nfasslu tagħna. Hawn Malta liġi dwar il-maternita` sostitwita, kif nassumi li tafu, ma teżistix. Jekk tinqala` problema jiddependi mill-ġudikant liema kriterji juża biex isolvi d-dilemma. Il-liġi kif inhi llum rigward affarijiet relatati mal-maternita`, il-filjazzjoni, eċċ., mhux talli ma tgħinx iżda tikkomplika s-sitwazzjoni għall-ġudikant. Il-ġudikant f'dawn is-sitwazzjonijiet ikun anke rinfaċċjat bi problema ta' validita` tal-kuntratt li jsir bejn min irid it-tarbija u min se jiġġestixxi.

Ħalli nibdew bil-validita` ta' dawn il-kuntratti u l-kapaċita` li jiġu inforzati *o meno*. Imbagħad niddiskutu *issues* ta' filjazzjoni, paternita` u kustodja ta' tfal u problemi oħra.

Mela fil-liġi preżenti r-relazzjoni bejn ġenitur u wild tista' tiġi ffurmata jew taħt il-liġijiet relatati mal-filjazzjoni jew taħt dawk relatati ma' l-adozzjoni. Imkien m'hemm stipulat li din ir-relazzjoni bejn ġenitur u wild tista' tinħoloq permezz ta' xi kuntratt. Dan ifisser li anke jekk wieħed kellu jipprova li l-kuntratt huwa wieħed validu - u issa naraw jekk jistax jintqies validu - xorta jrid juri kif tinħoloq ir-relazzjoni bejn il-ġenituri li jixtiequ u qed iħallsu għall-wild u l-wild innifsu permezz tal-liġi.

Kuntratt ta' dan it-tip jista' fil-fatt jiġi meqjus validu fil-liġi? *Section* 965 tal-Kodiċi Ċivili tgħid li l-kuntratti *sui generis* huma marbuta bir-regoli ġenerali tal-liġijiet kuntrattwali. Għaldaqstant bħal kuntratti oħra hemm erba` kondizzjonijiet essenzjali għall-validita` ta' kuntratt dwar maternita` sostitwita. Il-partijiet irid ikollhom kapaċita` kuntrattwali, irid ikun hemm kunsens ta' min qed jorbot lilu nnifsu, irid ikun hemm ħaġa ċerta li tikkostitwixxi s-suġġett tal-kuntratt u kunsiderazzjoni legali.

Hemm ħafna affarijiet li jirrigwardjaw kuntratti ta' maternita` sostitwita li huma inkompatibbli mal-liġi tal-kuntratti ġenerali kif suppost għandu jkun. Bħala regola ġenerali kollox jista' jkun suġġett ta' kuntratt, anke affarijiet futuri sakemm dawn ikunu *in commercio*, possibbli, legali u mhux kuntrarji għal moralita` jew *public policy*. Is-suġġett f'kuntratt ta' maternita` sostitwita jista' jkun wieħed minn żewġ affarijiet. Għal dawk li jsostnu li dan il-kuntratt huwa kirja tal-ġuf, li jien ma naqbilx magħha, is-suġġett tal-kuntratt huwa l-ġuf. F'każijiet ta' *traditional surrogacy* is-suġġett ikun il-ġuf u l-*gametes*. Għal dawk li jsostnu li hawnhekk hawn każ ta' bejgħ ta' trabi s-suġġett tal-kuntratt huwa trabi u l-i*status* tagħhom.

Ikun liema każ ikun, il-ġuf, il-*gametes,* it-tfal jew l-istatus tagħhom m'humiex ikkonsidrati li huma oġġetti *in commercium* għaliex m'humiex parti mill-partrimonju ta' persuna. Hemm każ ta' tribunal ta' Monza li proprju jitkellem fuq dan il-punt bl-aktar mod ċar, u l-liġi tagħna fuq dan il-punt għandha l-istess elementi. Dan huwa biżżejjed biex tinvalida l-kuntratt. Dan minn barra l-fatt li l-bejgħ ta' dawn l-affarijiet imorru kontra d-dinjita` tal-bniedem.

L-i*status* tal-persuna huwa wkoll regolat b'liġijiet speċifiċi li ma jistgħux jinbidlu b'kuntratt. Barra minn hekk, l-elementi l-oħra li jridu jivverifikaw ruħhom biex ikun hemm kuntratt validu wkoll ma jivverifikawx ruħhom f'dawn it-tip ta' kuntratti.

Hemm ukoll problema oħra u ċioe` l-fatt li l-kuntratt jista' jkun ivvizzjat b'element ta' frodi. Hemm ħafna raġunijiet għaliex mara tista' tidħol għal dan il-kuntratt meta għandha kull intenzjoni li żżomm it-tarbija għalija.

Ir-raġunijiet huma, per eżempju, renta ta' manteniment mingħand il-missier; il-possibilta` li jkollha donatur *screened* mingħajr ma tħallas għat-*tests* hi u l-pagament tal-*medical expenses* ta' waqt it-tqala. Jekk il-mara jkollha dawn l-intenzjonijiet il-kuntratt ikun invalidu fuq dawn il-*grounds* wkoll, u proprju għalhekk ikollha dritt iżżomm it-tarbija għax il-kuntratt ikun invalidu.

Għaldaqstant kuntratti taħt il-liġi preżenti huma nulli u bla effett. Dan pero' ma jfissirx li għandna problema solvuta. Il-filjazzjoni, il-kwestjoni ta' min hu ġenitur u l-kustodja tat-tfal xorta se jkollhom jispiċċaw quddiem il-qorti. Dan speċjalment, iżda mhux biss meta l-partijiet ma jżommux kelmthom.

Ngħaddu mela għal dawn l-*issues* tal-parentela u kustodja. Min hu kkonsidrat ġenitur taħt il-liġi eżistenti? L-ewwelnett tagħmel differenza jekk il-mara li twelled hiex miżżewġa jew le u jekk hemmx relazzjoni ġenetika bejn il-missier u l-wild. *Mater semper certa est* hu l-kriterju wżat fil-liġi Maltija li jiddetermina l-maternita`, għalkemm il-lum il-ġenetika u l-intenzjoni li tikkonċepixxi tarbija qed jisemmew ukoll, speċjalment barra minn xtutna. Il-konsegwenzi għall-partijiet jinbidlu konsiderevolment skond liema kriterju jiġi wżat.

Tradizzjonalment il-mara li twelled hija kkonsidrata l-omm legali tat-tarbija u għandha awtorita` fuqha. Din il-preżunzjoni fil-liġi tagħna hija waħda irribattibli, jiġifieri ma tistax tagħmel kawża biex turi li m'intix omm ta' tarbija li wellidt. Għaldaqstant omm sostituta tkun fil-fatt ikkonsidrata l-omm tat-tarbija hawn Malta. Ir-raġel tagħha, jekk tkun miżżewġa, ikun ukoll ikkonsidrat missier it-tarbija. Għaldaqstant sabiex it-tarbija tgħaddi għand il-ġenituri li xtaquha trid issir adozzjoni anke jekk il-persuna li xtaqet it-tarbija huwa meqjus il-missier tat-tarbija. Dan jista' jkun jekk l-omm li welldet kienet xebba jew jekk miżżewġa u ġiet ikkontestata l-paternita`. Il-paternita`, *by the way*, tista' tiġi kkontestata taħt il-liġi Maltija u l-maternita` ma tistax.

Għalkemm tidher faċli anke adozzjoni f'dan il-każ ikollha l-kumplikazzjonijiet tagħha. Dan għaliex jekk jgħaddu flus lill-omm legali fl-adozzjoni, il-ġenituri li xtaqu u ħallsu għat-tarbija jkunu misjuba ħatja ta' offiża taħt *section* 128 fejn jistgħu jeħlu sa sitt xhur ħabs u multa ta' Lm100 jew it-tnejn. Minn barra dan il-qorti tista' f'dawn il-każijiet tirrevoka d-dritt ta' l-adozzjoni. L-omm li welldet tista' wkoll tiddeċiedi li żżommha t-tarbija. Minħabba li l-kunsens ta' l-omm li welldet huwa neċessarju għall-adozzjoni ħadd ma jista' jisfurzaha li tagħti l-wild legali tagħha għall-adozzjoni. Jista' jkun ukoll jirrifjuta r-raġel ta' l-omm li twelled li jagħti l-kunsens tiegħu għax huwa meqjus il-missier.

Dawn huma ftit mill-problemi. Jekk il-ġenetika, allura minflok min iwelled tiġi meqjusa dik li tagħti d-drittijiet lill-omm xorta hemm problemi legali. Dan għaliex għalkemm l-omm ġenetika tiġi meqjusa l-

omm u r-raġel tagħha l-missier tat-tarbija sa mill-bidunett, peress li l-liġi tgħid li t-tarbija konċeputa fiż-żwieġ hija meqjusa l-wild tar-raġel ta' l-omm f'*section* 67, *section* oħra tikkontradiċi din il-pożizzjoni. Din hija *section* 280(1) li tgħid li fejn il-wild ikun imwieled minn mara miżżewġa isem ir-raġel tagħha jiġi mniżżel fiċ-ċertifikat tat-twelid anke jekk ikun hemm dikjarazzjoni li tgħid il-kuntrarju. Għaldaqstant għalkemm wieħed jaħseb li r-raġel ta' omm ġenetika jitqies bħala l-missier skond *section* 67, huwa r-raġel ta' l-omm li twelled li jispiċċa fuq iċ-ċertifikat tat-twelid. Korrezzjoni hija possibbli biss wara kawża fuq il-filjazzjoni.

Hemm problemi aktar ikkumplikati minn hekk li semmejt fl-istudju tiegħi li jagħmlu l-*option* tal-*link* ġenetiku aktar mħawwad u kumplikat u għaldaqstant indesiderabbli. Barra minn hekk kjarifikazzjoni tal-konċetti m'hijiex biżżejjed biex issolvi dawn il-problemi. Fl-istess ħin jekk ikun hemm xi ħadd li jrid tfal ġenetikament relatati, jekk il-ġenetika tkun meqjusa l-fattur determinanti, wieħed jista' jgħawweġ il-liġi b'mod u manjiera li jilħaq l-iskop tiegħu billi jirreġistra l-wild f'ismu mill-ewwel, u cioe' mhux f'isem min welldu u r-raġel imma f'isem il-ġenituri li xtaqu t-tarbija. Jekk ikun hemm kontestazzjoni l-ġenetika terġa` turi li huma fil-fatt huma l-ġenituri. Għalhekk min irid jabbuża f'kelma oħra jista' jagħmel dan b'faċilita` liema bħalha.

Ngħaddi issa għall-kustodja tat-tfal. Bħala regola ġenerali l-*patria potesta* tiġi vestita fiż-żewġ ġenituri. L-istess il-kustodja iżda dan mhux dejjem il-każ. Xi minn daqqiet l-qorti tħoss li huwa fl-aħjar interess tat-tarbija li tiġi kustodita minn ġenitur wieħed. Għaldaqstant mara li welldet tarbija u m'hijiex miżżewġa, għalkemm il-liġi tagħna tqisha omm it-tarbija, tista' xorta tispiċċa mingħajr il-kustodja tat-tarbija jekk il-missier jirbaħ il-kustodja. Jekk il-kustodja tingħata lill-mara, missier it-tarbija li jkun irrikonoxxiha jkun dovut iħallas il-manteniment għaliha u jedukaha.

Żewġ affarijiet joħorġu ċari mill-istudju li għamilt jien. L-ewwel, il-fatt li din il-prattika hija mimlija problemi etiċi u t-tieni l-bżonn ta' leġislazzjoni fir-rigward. Fattur importanti li wieħed irid jieħu ħsieb huma d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kif ukoll li l-mezzi leġislattivi jkunu effettivi.

Ġaladarba d-drittijiet umani kif promulgati fil-*European Convention for Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms* jiffurmaw parti integrali mill-liġi Maltija wieħed irid joqgħod attent li ma jmurx kontra din il-konvenzjoni meta jilleġisla għax f'dan il-każ il-liġi tkun mingħajr effett legali. Direttament allaċjat mal-prattika tal-maternita` sostitwita huma l-artiklu 12 tal-konvenzjoni li jiggarantixxi d-drittijiet ta' l-irġiel u n-nisa li jiffurmaw familja. Dan mhux dritt mingħajr riservi għaliex il-konvenzjoni tgħid li dan għandu jiġi eżerċitat skond il-liġijiet tal-pajjiż.

Għaldaqstant liġi li twaqqaf l-maternita` sostitwita ma tmurx kontra dan id-dritt. Drittijiet oħra bħall-artiklu 12 dwar id-dritt għall-privatezza u għall-ħajja familjari huwa ristrett bl-istess mod. Hawnhekk issemmiet ħafna l-*Oviedo Convention* u nixtieq ngħid li f'din il-konvenzjoni l-maternita` sostitwita ma tissemmiex.

Nagħlaq billi nagħti lista ta' miżuri li jien nixtieq nara fil-liġi f'dan ir-rigward. Nixtieq ngħid li dawn huma miżuri li nħoss li huma importanti sabiex nippruvaw nevitaw il-problemi li kellhom pajjiżi oħra, tenut kont anke tal-każijiet li telgħu quddiem il-qrati u l-eżitu tagħhom fir-rigward ta' interpretazzjoni.

Sabiex effettivament wieħed iwaqqaf din il-prattika hemm bżonn ta' liġi li tagħmilha diffiċli għal nisa li jixtiequ jkunu ommijiet sostituti u ġenituri li lesti li jħallsu għall-ulied sabiex jiltaqgħu; għal nisa li jixtiequ jkunu ommijiet sostituti u ġenituri li lesti li jħallsu għall-ulied biex isibu professjonisti lesti li jiddraftjaw kuntratti ta' maternita` sostitwita; għal nisa li jixtiequ li jkunu ommijiet sostituti li jsibu tobba lesti li jagħmlu l-proċeduri

mediċi neċessarji u għal ġenituri li lesti li jħallsu għat-trabi sabiex jiġu mogħtija l-parentela legali u l-kustodja tat-trabi.

Għaldaqstant jien nissuġerixxi is-segwenti dan li ġej :-

> Li jkun reat li tagħmel reklami dwar il-maternita` sostitwita kemm permezz ta' materjal ipprintjat kif ukoll b'mezzi elettroniċi ;
>
> li jkun reat li jġorr pieni sostanzjali li tinduċi lil xi ħadd jidħol għal dan it-tip ta' kuntratt kemm jekk persuna individwali u kemm jekk aġenzija;
>
> li jkun reat li jġorr pieni sostanzjali li wieħed xjentement jipprovdi servizzi professjonali, mediċi, tekniċi jew oħrajn li jiffaċilitaw l-maternita` sostitwita jew kuntratti għall-istess għan;
>
> li jkun hemm pieni pekunjarji fuq kulmin ikun involut, anke l-partijiet;
>
> li l-kuntratti ta' maternita` sostitwita jkunu nulli u bla effett u bla kapaċita` li jiġu nfurzati billi l-omm li twelled tiġi konsidrata l-omm tat-tarbija f'kull istanza u r-raġel tagħha bħala missier it-tarbija prattikament f'kull istanza;
>
> li tipprojbixxi mara milli tagħti l-kunsens tagħha għall-adozzjoni wara li tkun użat it-*third party reproduction* sabiex tkun virtwalment impossibbli għall-ġenituri li lesti li jħallsu sabiex jilħqu l-għan tagħhom u konsegwentement jiġu skoraġġuti milli jqisu l-maternita` sostitwita bħala *option*; u
>
> billi tapplika l-prinċipju nazzjonali tal-ġurisdizzjoni billi żżomm nies ta' nazzjonalita` Maltija responsabbli għar-reati hawn fuq imsemmija kemm jekk kommessi f'Malta kif ukoll barra minn Malta għaliex inkella jista' jkollok koppji li jagħmlu kollox barra u jiġu jwelldu hawn.

Nikkonkludi billi ngħid li għalkemm nifhem li l-pożizzjoni prekarja li tinsabu fiha intom bħala leġislaturi ma naħsibx li tistgħu tabdikaw mill-pożizzjoni tagħkom billi tiddeċiedu li l-leġislazzjoni fuq il-maternita` sostitwita m'hijiex neċessarja.

**THE CHAIRMAN:** Nirringrazzjak tal-preżentazzjoni dettaljata li tajtna. Issa se ngħaddu biex nagħmlulek xi ftit domandi biex niċċaraw daqsxejn l-ideat tiegħek. Jien donni ħadt l-impressjoni li l-ħafna oġġezzjonijiet li ssib għas-*surrogate motherhood* huwa minħabba l-konfużjoni li tista` tinħoloq fil-liġijiet. Għalija l-liġi hija kreazzjoni soċjali u xejn aktar. Il-liġi ssir minn dawn in-nies li hawn madwar il-medja u s'issa għad m'għandhomx l-infallibilita`. Issa jekk għandek bżonn soċjali u għandek il-liġi li hija problematika, allura mhux iktar loġika li tbiddel il-liġi u tipprova ssib is-soluzzjonijiet legali milli tipprojbixxi xi ħaġa sempliċement biex tipproteġi l-liġi fiha nnifisha?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Jien m'għedtx dak kollu biex nipproteġi il-liġi. Anzi ngħid li l-liġi trid tinbidel sija jekk tħallu u sija ma tħallux is-*surrogate motherhood* għaliex dejjem se jkollok problemi li jistgħu jinqalgħu. Jiġifieri li tinbidel il-liġi jew partijiet minnha għaliha m'hijiex problema. L-ikbar problema ta' *surrogate motherhood* m'hijiex il-liġi imma hija fil-fatt l-etika wara l-prattika ta' *surrogate motherhood*. Kull parti li tmiss mas-*surrogate motherhood* hija etikament problematika. Sija jekk l-persuna li se tkun l-omm hija ġenetikament relatata, u anke jekk ma tkunx, hemm problemi etiċi kemm għat-tfal kif ukoll għall-omm u anke għall-missier. Ma kellix ċans insemmi l-omm li tiġi trattata bħala kontenitur biss. Hemm każjiet ta' ommijiet li jinġiebu barra mill-pajjiż, kif sar fl-Amerika, u jingħataw biss ikel u xorb biex iwelldu t-tarbija. Il-ħlas tagħhom hu li jibqgħu jgħixu sakemm iwelldu. Jiġifieri lanqas ħlas. Sakemm twelled inti tibqa' tgħix

imma jekk tibqa' f'pajjiżek, *third world country*, allura tmut bil-ġuħ. Jiġifieri hemm ħafna problemi etiċi.

**THE CHAIRMAN:** Imma bl-istess argument id-donazzjoni ta' l-organi hija xi ħaġa nobbli, imma ma tibqax nobbli meta jkun hemm flus imdaħħlin fin-nofs. Issa jekk ma jkunx hemm flus imdaħħlin fin-nofs kif taħsibha?

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Jekk inti tikkonsidra l-kontenitur u *parents* ġentiċi, jiġifieri għandek *baby* ta' *parents* li *genitically* huwa tagħhom, il-liġi li qed tipproponi inti allura ma tispeċifikax li l-*baby* li għandha ġo dan l-ispeċi ta' kontenitur hija ta' dawn il-ġenituri biss?

**THE CHAIRMAN:** Inti ma tagħmilx illegali sikkina. Tagħmel illegali ċertu tip ta' uża tagħha. Jiġifieri meta jkollok xafra taqta' f'idejn *surgeon* tgħid kemm hu bravu, prosit għax salva ħajja, imma l-użu ħażin tagħha mhux permess. L-istess l-kwestjoni tal-ġuf. Il-liġi m'għandhiex tagħmel din id-distinzjoni fl-intenzjoni li għaliha qed jiġi wżat?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE :** L-ewwelnett riproduzzjoni assistita hija *tipo* s-sikkina li qed issemmi inti. Mhux dejjem tista' tkun użata tajba. Ġieli tkun użata tajjeb u ġieli le, imma f'dan il-każ naħseb li ma tkunx.

**THE CHAIRMAN:** Imma sadanittant kulħadd għandu waħda fil-kċina u ħadd m'għamilha illegali.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Jiena m'iniex qed nipproponi li *assisted reproduction* issir illegali. Jiena kontra l-*assisted reproduction* fejn tidħol *surrogacy* biss. Mil-lat l-ieħor jekk inti tagħmel li persuna li l-ġuf tagħha jista' jiġi mikri, użat, jew *whatever*, inti tgħid: F'dawn il-każijiet l-omm u l-missier huma min hu ġenetikament relattat mat-tarbija? Kollox tista' tagħmel. Jekk hux etiku li tagħmlu hija differenti.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Ħalli nagħtik eżempju. Għandek ġenituri li m'għandhomx tfal u jridu t-tfal, l-*ovary* tagħmel il-bajd normali, ir-raġel għandu sperma normali imma l-mara m'għandhiex utru. F'dak il-każ moralment u etikament inti ma taqbilx ma' *surrogate motherhood*?

**THE CHAIRMAN:** Meta kont qed tuża l-argument ta' gameti allaċċjat l-argument mal-komodifikazzjoni tat-tfal li b'xi mod forsi wieħed ikun jista` ifassalha f'moħħu, anke jekk mhux kulħadd jaqbel. Imma huwa aktar diffiċli li taċċetta l-argument f'każ ta' koppja fertili.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Qabel ma bdejt nikteb din it-teżi kont favuriha din il-ħaġa jien għax it-twerwira ta' ħajti kienet jekk ma jkunx jista' jkolli tfal x'se nagħmel. Kont studenta b'xi sitt snin oħra l-universita` u kont imwerwra bis-serjeta`. Meta ma kont naf xejn fuq l-etika warajha u xejn dwar il-liġi kont naqbel magħha. Meta għamilt din ir-riċerka kollha assolutament ma bqajtx naqbel magħha primarjament għar-raġunijiet etiċi. U r-raġunijiet etiċi li hemm ħżiena warajha ma jinbidlux jekk inti tagħmilhiex għax m'għandekx utru jew ma jistax ikollok tfal, għax il-ħsara li qed ssir jew li tista' ssir lil dik it-tarbija ..... (Interruzzjonijiet)

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Għaliex?

**DR. DEBORAH SCEMBRI TABONE:** Issir ħsara għaliex din ġiet magħmula biex tingħata.

**THE CHAIRMAN:** Kieku hemm donazzjoni ta' gameti ġiet magħmula biex tingħata, imma ġaladarba din ħarġet minn koppja stabbli din ma tistax titrabba mod ieħor. Din, kulma trid hija l-ħamrija fejn tikber u jien qed nagħtiha l-ħamrija.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Pazjenti li jkollhom din il-problema u hemm ċans li jkollhom it-trabi b'dan il-mod, inti xorta għadek issibha etikament u moralment mhux

aċċettabbli? Meta qed nuża dan l-argument ma jfissirx li jien naqbel mas-*surrogacy*, imma qed nipprova nattakka naqra l-argument tiegħek.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Darba kien hemm tabib li Malahoff, il-persuna li semmejt qabel, mar għandu proprju għax il-mara ma setax ikollha tfal minħabba r-raġunijiet li qed issemmi inti. Ikkuntattaw *surrogracy* u kien se jkun hemm l-isperma tar-raġel stess. Il-biċċa xogħol hi din: Ir-raġel li kien se jkun ġenetikament *linked* ma' din il-*baby*, għax dan il-*baby* twieled difettuż ma riedux. Għaliex? Għax meta tidħol il-kultura tal-ħlas inti tippretendi l-aħjar.

**THE CHAIRMAN:** Fil-maġġoranza tal-każi ma jiġrix hekk. Imma koppja eterosesswali fertili meta jkollhom tfal li ma jitwelldux normali jaċċettawhom, pero' hemm numru li ma jaċċettawhomx. Jiġifieri m'hijiex kwestjoni ta' *surrogacy* jew le. L-argument ma narahx li għandu x'jaqsam ma' *surrogacy* jew le. Inti qed tagħti ħafna *weight* lil dak li inti sejjaħt komodifikazzjoni tat-tfal.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Għaliex fir-riċerka li għamilt, fl-istudji ta' nies li huma stess kienu involuti u li ...... (Interruzzjonijiet)

**ONOR. MICAHEL GONZI**: Imma involuti bl-istess każ li semmejt inti?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Le, dan hemm ħafna iktar studji, mhux studji ta' każ wieħed.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Ma taħsibx li qed jiġri huwa li l-liġi qed tagħti bażi ħafna fuq kuntratti u mhux kuntratti u fuq il-bażi ġenetika ma tagħti kważi xejn importanza, meta f'dawn l-affarijiet l-bażi ġenetika hija l-iktar ħaġa fundamentali? Hija l-bażi ġenetika li *it is avoiding* li jkun hemm *donation* ta' *sperm* jew ta' *ova*. L-eżempju li tajt inti hu ta' mara li ma setax ikollha tfal, imma l-eżempju li tajt jien hu ta' mara li jista' jkollha tfal imma ma tistax hi ġġorr it-tfal, li hemm differenza għax it-tifel jew it-tifla se tkun *genetically* ta' dawk il-ġenituri.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Ħalli ngħidlek xi problema tista' tinqala' f'dak il-każ. L-omm u l-missier li jridu tarbija t-tnejn se jkunu ġenetikament relatati mat-tarbija u għandek is-*surrogate mother*. Din ikollha t-tarbija u ma tkunx trid tagħtihielhom għaliex għalkemm ġenetikament m'hijiex *related* għamlet disa' xhur iġġorrha u għandha problema….. (Interruzzjonijiet)

**THE CHAIRMAN**: Imma din ma tistax issolviha bil-liġi?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Bil-liġi ssolvi l-problema ta' jekk tagħtihielix jew le, ma ssolvihiex il-problemi kollha li tista' taqlagħlha lil din il-mara. Intom tafu ħafna iktar minni medikament kemm jista' jkollha problemi jekk mara jkollha *baby* u teħodulha.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Imma għax il-liġi m'hijiex qed tuża s-sistema ta' ġenetika biex tgħid li din .... (Interruzzjonijiet)

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Bħalma taf, jiena se jkolli *baby,* jekk xi ħadd jiġi jeħoduli meta jitwieled, anke jekk ma jkunx tiegħi, ħażin għalih għax dan se nwelldu jien u qed inġorru jien.

**ONOR. MICHAEL GONZI :** L-argument huwa differenti.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** M'huwiex differenti, għaliex m'hijiex il-liġi li tgħidli li jien ommu. U setgħet kienet bajda ta' ħaddieħor u sperma mhux tar-raġel tiegħi għax xorta ħadd m'hu se jeħoduli din it-tarbija għaliex jien ġarrejta. Il-liġi tista' tgħidli li jiena m'iniex ommu għax hi timxi skond il-ġenetika. Imma l-liġi tista' tgħid li trid għax xorta lil din it-tarbija se nkun inħossha tiegħi, tista' tkun il-bajda ta' "Ċetta".

**THE CHAIRMAN:** Mill-istudji li rajt dan huwa każ li jiġri spiss?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Iva. M'huwiex każ f'kull każ, imma hemm ħafna każijiet. Hemm *states* li s-*surrogacy* tista' ssir u hemm *states* li fihom ma tistax issir. Fl-i*states* li għandhom il-liberta` li titsa' ssir hemm ħafna problemi u ħafna każijiet il-qorti. Ftit huma dawk li jissemmew għax normalment jissemmew ta' dawk li jkollhom il-mard u ma jridux jaċċettawhom. Pero` każijiet ta' nies li jiġġiedlu u li jitilgħu l-qorti hemm ħafna. Anke każijiet fejn is-*surrogate* ma tkunx *genetically related* mal-*baby*, tkun tridu.

**THE CHAIRMAN:** Huwa inqas f'każijiet fejn omm l-omm iġġorr it-tarbija?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Huwa inqas fejn in-nanna ġġorr il-*baby* tat-tifla tagħha. Pero` mbagħad mil-lat l-ieħor fejn kien hemm każijiet ta', per eżempju, aħwa kien hemm problemi kbar ħafna.

**THE CHAIRMAN:** Huwa każ li jissolva b'*counselling* b'saħħtu.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Psikologa m'iniex. Sal-liġi nista' nasal, sa riċerka etika nasal imma jekk il-*counselling* jistax jirranġaha ma nistax ngħid għax ma qrajtx. Fejn kien hemm każijiet tan-nanna jkollha l-*baby* għat-tifla, trid tieħu *in consideration* ukoll jekk il-persuna.... Din il-ġimgħa smajt tfajla tgħid: Jiena trabbejt mingħalija li n-nanna tiegħi hija l-mama`. Issa mmaġina mhux titrabba u mingħalik li tkun taf u ma jkunx hekk, imma li jkun hekk. In-nanna tiegħek il-mama`, il-mama` l-mama`, il-mama` tiegħek hija wkoll oħtok għax twieldet min-nanna ukoll. Taħwida.

**THE CHAIRMAN**: Insomma, huwa konċett atkar minn..... (Interruzzjonijiet)

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Ma naħsibx li tista` tgħid li tkun nanna u li tkun omm u li tkun oħt hija sempliċiment konċett.

**THE CHAIRMAN**: Hija *a socially constructed concept*.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: *A socially constructed concept* li jeżisti u huwa *inflagrante* f'kull soċjeta`.

**THE CHAIRMAN:** Inti għedt, u naqbel miegħek, li kull liġi dejjem għandha tqis qabel kollox l-aħjar interess tal-wild. Imma mbagħad ma tiddisturbakx li dan l-argument isir biss fuq każi bħal dawn? Koppja eterosesswali fertili qatt ma tiġi assessjata, biżżejjed tagħmel dikjarazzjoni ta' mħabba l-knisja u tiġi aċċettata bħala ġenitur idoneo. Ma taħsibx li tkun qed tikkastiga lil xi ħadd li diġa` jkollu problema?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Hemm ukoll l-argument li jekk m'għandniex mezz kif nirregolaw nies li jkollhom trabi fil-ħajja ta' kuljum għalfejn għandna nirregolaw nies li ma jistax ikollhom b'mod regolari, allura b'mod assistit? Il-kwestjoni kollha hi li fejn ma nistgħu nagħmlu xejn ma jistax ikollna repsonsabbilta` morali. Mela f'każ fejn tfajla ta' 15-il sena marret ma' raġel ta' 30 sena u kellhom *baby*, din ma nistgħux nikkontrollawha. Pero` fejn tkun se toħloq tarbija int għandek responsabbilta` li għallinqas ma ġġibhiex f'baħar ta' inkwiet tkun għadek lanqas bdejt. Ir-responsabbilta` tagħna lejn *babies* li noħolqu u li għandna kontroll fuq kif jiġu maħluqa hija ħafna ikbar minn *babies* li jiġu maħluqa normalment kuljum, u m'hijiex kwestjoni ta' *punishing*. Hija kwestjoni ta' jekk inti tista' ma toħloqx ħsara, ma tistax toħloq l-ħsara sempliċement għax tgħid ħaddieħor jista' jkollu *babies* kemm irid jekk huwa ....

**THE CHAIRMAN:** Hawn min jargumenta li l-kunsens għaż-żwieġ huwa bażikament wieħed għat-trabi.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Ma tantx naraha hekk jiena. Kull tfajla u

ġuvni, raġel u mara, miżżewġin jew m'humiex li jista' jkollhom it-tfal b'mezzi naturali jagħmlu li jridu meta jridu u ħadd ma jwaqqafhom.

**THE CHAIRMAN:** Inti donnok li inti kontra s-*surrogracy* minħabba *emotional attachment* aktar milli l-liġi għax il-liġi tista` tirranġaha.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: *Emotional attachment, comodification* tat-tfal ….

**THE CHAIRMAN**: Allura kieku l-każ ikun bil-kontra fejn inti għandek *embryos* iffirżati - l-Onor. Asciak qalillna li għandna popolazzjoni oħra li hija ffriżata - u minflok jiġu distrutti dawn l-*embryos* jiġu adottati, inti tara xi ħaġa kontriha din?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Jien nara distinzjoni bejn adozzjoni ta' *embryo* u adozzjoni ta' persuna.

**THE CHAIRMAN**: L-*embryo* m'huwiex persuna għalik?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Jiena nqis *embryo* bħala persuna, pero` m'iniex qed nitkellem fuq l-istat ta' meta l-*embryo* huwa persuna li għadha fil-ġuf. Qed nitkellem fuq xi ħadd barra l-ġuf. Fil-każ ta' xi ħadd imwieled u qiegħed hawn il-problema hi li aħna bħala koppja ma nistgħux nrabbuh sewwa allura se nagħtuh lill-ħaddieħor jiena nqabblu mal-każ ta' *embryos* li huma diġa` ffriżati, qegħdin hemm llum il-ġurnata u ma nafux x'se nagħmlu bihom. Il-biċċa xogħol hi jekk inħallux li din tkun il-prassi.

Jekk aħna se ngħidu li meta jkollna *embryos* ffriżati li ma nafux x'se nagħmlu bihom nistgħu nagħtuhom għall-*adoption* jista' jinħoloq suq ta' nies li joħolqu *embryos* żejda sabiex ikun hemm iktar *adoptions*. Allura jien inħoss li f'dan il-każ il-liġi tista' tgħinna ħafna għax il-liġi tista' taqta` *line* hi safejn wieħed għandu jasal. Per eżempju, tgħidlek: Sal-lum 11 ta' April, 2005 dawk l-*embryos* li huma diġa` eżistenti, diġa` ffriżati barra minn Malta jew hawn Malta li jkunu se jiġu mormija jistgħu jiġu adottati. Għaliex? Għax qegħdin fl-istess pożizzjoni ta' tarbija li ma nafux x'se nagħmlu biha. Dawn ikkonċeputi lesti, għalija bniedmin. Jiġifieri dawk għalija jistgħu jiġu adottati. Pero` nsib problema li nħalluha *open* li kull *embryo* ffriżat li jista' jkun hemm jista' jiġi adottat għax tista' tagħti lok għal ħafna abbuż.

Liġi hija tajba propru għalhekk għax tista` taqta` din il-*slippery slope*. Ġaladarba għandna problema nistgħu niffaċjawha u ngħidu li sal-lum dawk l-*embryos* li huma diġa` eżistenti, diġa` ffriżati li jkunu se jiġu mormija jistgħu jiġu adottati biex ma nagħtux lok għall-abbuż u biex ma nagħmlux ħsara lill-*embryos* li diġa` qegħdin eżistenti.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Issa inti ma taqbilx mal-*freezing of embryos*, hux hekk?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Le, ma naqbilx mal-*freezing of embryos* għaliex naħseb li toħloq din il-problema fost l-oħrajn. Jekk se jsiru *embryos* biex jiġu mpjantati fin-nisa jridu jsiru, għalkemm naf li hija spiża, biżżejjed biex jiġu mpjantati.

**THE CHAIRMAN:** Ma fhimtx sewwa l-argument tiegħek dwar id-*designer baby*.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Hawn ħafna nies li d-*designer babies* ma jarawhiex bħala xi ħaġa li hija allaċjata mas-*surrogate motherhood*. Pero` fl-istudju li għamilt kien hemm ħafna kumpanniji ta' *surrogate parenting* li b'wiċċhom minn quddiem qalu: Ħafna nies ikunu jrid jafu ċerti affarijiet. Għalissa aħna ma nistgħux nassiguraw lil dak li jkun li l-*baby*, per eżempju, ikollu għajnejh blu pero` xorta għandna *portfolios* għax in-nies jitolbuhomlna. Jiġifieri dawn il-ġenituri jkunu jridu jaraw jekk l-omm hijiex, twila, bjonda, eċċ. eċċ. biex ifittxu affarijiet li jista` jkun li jixtiequ fit-tfal tagħhom. Fit-*traditonal surrogacy*, jiġifieri fejn għandek il-persuna li hija l-omm li se tkun genetikament *linked*

mal-*baby*... (Interruzzjonijiet) Min jallaċċja din mad-*designer babies* jgħidlek: La dawn diġa` qegħdin ifittxu dawn l-affarijiet - anke jitolbu l-IQ ta' l-omm għaliex tista' tgħaddi ġenetikament minn persuna għall-oħra - ara kemm se tkun iktar problema. Għaliex? Għax inti jista' jkollok *a single person* li għandu l-flus u lest li jħallas u li jrid persuna li għandha IQ għoli, għajnejh blu u xagħru isfar.

**THE CHAIRMAN :** Imma 'l hemm mill-argument ta' *playing God,* fuq id-*designer baby* x'tara ħażin? Per eżempju, aħna nagħmlu minn kollox biex ma jkollniex tfal injoranti.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Le, ma nagħmlux kollox. L-ewwelnett jekk ikollok tifel, ikun kif ikun, inti tipprova tagħtih l-aħjar biex il-potenzjalitajiet li għandu toħroġhomlu. Mhux tipprova tbidillu l-potenzjalitajiet li għandu għax hemmhekk tkun qiegħed tipprova toħloq tfal kif tixtieqhom inti. Issa jekk toħloq tfal kif tixtieqhom inti tispiċċa f'kultura ta' li inti tixtieq *baby* perfertt. Jekk inti trid *baby* b'IQ għoli allura inti se tagħżel *the most intelligent child*. Din il-kultura ma taqbel xejn mad-dinjita` tal-bniedem, jiġifieri li inti tiġi aċċettat kif int. Li inti taħseb li inti aċċettat u tkun f'kultura fejn in-nies huma aċċettati biss jekk għandhom IQ għoli, irqaq u ħelwin hija xi ħaġa diżastruża anke għall-*feeling* tan-nies li m'humiex *designer babies*, għall-kumplament tas-soċjeta`.

Li nara ħażin fil-konċett ta' *desginer babies* m'huwiex li jekk tista' tagħmel l-aħjar tagħmel l-aħjar, imma li inti ma tibqax tittrattta t-tfal bħala li se teħodhom kif tixtieqhom. Illum min ikollu xagħru kannella jmur jiżbgħu bjond għax jgħid li dak huwa iktar sabiħ....

**THE CHAIRMAN**: Imma din hija xi ħaġa ħażina?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Mhix ħażina, imma l-aspettattivi u l-ħafna tfajliet irqaq, anoressiċi għax il-mudelli huma hekk.... (Interruzzjonijiet) Mela jekk se jkun hemm nies li huma hekk fis-soċjeta' għax hemm nies li lesti jħallsu għalihom u joħolquhom, għidli kif se jħossu min se jkun normali, fis-sens li ġie kif ġie. Imbagħad għedli kif se jħossuhom min ikun marid jew *handicapped* meta jkunu qegħdin f'soċjeta` ta' nies li jistgħu jitwieldu perfetti! Ma naħsibx li tkun soċjeta` li nistgħu nispiraw għaliha bħala xi ħaġa pożittiva. Barra minnhekk iktar ma jkollok firxa ta' affarijiet differenti u nies differenti naħseb li l-potenzjal tal-ħajja umana jikber, kulħadd għandu t-tajjeb u l-ħażin tiegħu kif inhu.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Jekk inti taċċetta t-*traditional surrogacy* ikollok kważi taċċetta d-*designer baby*. Għaliex jekk inti taċċettaha trid tkun miġnun jekk ma tmurx tara l-omm kif se tkun.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Jiena kontra kontra s-*surrogate motherhood*.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Anke jien, imma dak huwa punt. Jekk jien ma naċċettax *surrogracy* kompletament mela dan il-konċetti ta' *designer babies* u dawn l-affarijiet m'għandiex problema tagħhom. Imma jekk inti se taċċetta moralment, etikament jew *whatever* it-*traditional surrogacy* u se tagħżel l-omm tkun miġnun jekk ma tagħżilx lill-omm bl-IQ tajjeb. Qed tifhem il-konċett? Inti qed tpoġġi fl-istess keffa t-*traditional surrogacy* u l-*gestational surrogacy*. Għaliex qed tpoġġihom fl-istess keffa meta huma kompletament differenti?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Għax ma naħsibx li huma kompletament differenti.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Id-differenza kif qed naraha jien hija li f'waħda għandek il-ġenituri li ma jistax ikollhom tfal u l-*ovum* u l-isperma huma tagħhom u l-*baby* huwa tagħhom u fl-oħra le.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Hija differenti għax qed tħares mil-lat ta' ġenitur. Mil-lat ta-tifel m'hijiex differenti għaliex inti dejjem se jkollok …. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. MICHAEL GONZI:** M'għandekx il-ġenetika tal-*container* fil-każ ta' *gestational surrogacy*. Jekk inti għandek l-ġenetika ta' l-omm u tal-missier, jiġifieri tal-*baby,* it-tnejn huma totalment differenti. Ma nafx għal xiex qed iżżommhom f'keffa waħda. Qed tifhmu l-argument tiegħi? Allura l-liġi, jekk għandu jkun hemm il-liġi, m'għandhiex għal xiex speċi .... (Interruzzjonijiet)

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Hemm liġi ta' pajjiż barrani, liema eżatti bħalissa ma nafx, li tagħmel distinzjoni bejn *traditional surrogacy* u *gestational surrogacy* u tgħid li tħares iktar bl-ikrah, biex ngħid hekk, lejn it-*traditional surrogacy*. L-ewwelnett mil-lat tal-ġenitur se jkunu differenti żgur, imma mil-lat ta' tfal mhux dejjem neċessarjament se jkunu differenti. Il-fatt li xi ħadd ikkuntratta - dawn jidħlu f'kuntratt - biex inti tiġi mwieled .... (Interruzzjonijiet) Mill-ftit li qrajt fuq is-*symbiotic relationship* li jkollha l-omm li qed tiġġestixxi t-tarbija mat-tarbija, apparentement għandha l-importanza tagħha wkoll. Jiġifieri li inti ma tkunx ġenetikament *related* mhux neċessarjament li m'għandekx *relationship* ma' l-omm li qiegħda twelldek.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** Le, fil-fatt meta bdejt nuża l-kelma ''*container*'' użajtha apposta biex ineħħi l-*emotion* kompletament.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Imma billi tuża l-kelma ''*container*'' ma tneħħix l-*emotion*. Il-kelma ''*container*'' tipprova tneħħi l-*emotion*, imma l-*emotion* hemm tibqa'.

**ONOR. MICHAEL GONZI:** *Agreed,* imma jekk nuża l-kelma ''*container*'' biss il-konċett taċċettah għax m'hemmx l-emozzjoni fiha.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Le, ma naċċettahx.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Għaliex le?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Għaliex imbagħad m'hemmx biss it-tarbija imma hemm ukoll id-dinjita` tas-*surrogate mother.*

**THE CHAIRMAN:** Jekk hi tat il-kunsens tagħha bir-riskji kollha u daħlet għal xi ħaġa b'deċiżjoni nfurmata, fejn titnaqqas id-dinjita` tagħha?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Dan l-istess bħal prostituzzjoni. Kif tarawha intom il-prostituzjoni? Tillegalizzawha? Tieħdu pjaċir biha? Il-prostituta trid, qed tgħidlek iva.

**THE CHAIRMAN:** Jiddispjaċini mhux l-istess għax fil-prostituzzjoni hemm il-flus fin-nofs.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: U hawn le?!

**THE CHAIRMAN**: Le, għax hawn qed ngħidu f'każ fejn ma jidħlux il-flus. Qed ngħidu f'każ li xi ħadd jagħżel li jislef il-ġuf. Dik hi d-differenza kollha.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Fit-teżi li għamilt jien hemm ukoll li l-kumpens li tieħu omm li qed iġġorr tarbija jista' ma jkunx pekunjarju. Hemm nisa, li qrajt anke l-istejjer tagħhom, li jgħidu li jħobbu jkunu *pregnant*. Il-pjaċir tagħhom hu li jkunu *pregnant*, imma ma jridux tfal. (Interruzzjonijiet) Imma jeżistu dawn in-nies.

**THE CHARIMAN:** Ibqa` fuq l-eżempju li tajniek fil-bidu, omm li għall-imħabba ta' bintha lesta li ġġorr it-tarbija tagħha. Hemm xi ħaġa ħażina f'dak jekk hi tagħti l-kunsens informat?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Iva, jien naħseb li hemm problemi kbar, għax

għall-imħabba ta' bintha qed toħloq problemi lin-neputi tagħha. Li hi tippreferi lil bintha min-neputi, forsi ngħidlek iva. Imma li għax din il-mara *buona volonta`* tagħha għoġboha li ġġorr fil-ġuf tagħha lit-tarbija ta' bintha u wara lesta li tagħtihielha ma jfissirx li għamlet l-aħjar ħaġa. Ifisser li għamlet ħaġa inqas problematika u ma tarax il-qorti quddiem wiċċna, *that's all.* Pero' ma naħsibx li jkun tajjeb u hemm ħafna raġunijiet għalfejn ma jkunx tajjeb.

**THE CHAIRMAN**: L-Onor. Abela.

**ONOR. JOSEPH ABELA:** Se nitkellem fuq opinjoni personali. Aħna bħala partit m'għandniex *policy* fuq dan li qed ngħidu. Nista` napprezza ħafna l-argumenti li poġġejt inti tal-kumplikazzjonijiet li jinqalgħu minn *surrogate motherhood*. Naqbel miegħek fuq ħafna mill-punti li semmejt u nista' napprezza dawk it-tip ta' konflitti li jinħolqu kemm legali kif ukoll meta t-tarbija tiġi *in terms* ma' l-identita` tagħha, speċjalment meta waħda mill-ikbar dilemmi li jista` jkollu persuna hija min fejn oriġina u min huma verament il-ġenituri tiegħu. Hemmhekk nista' napprezza u naqbel ma' dak li għedt fuq dawn l-affarijiet. Inti tajt ħjiel ta' x'tip ta' leġislazzjoni tixtieq. Jekk fhimtek sew inti għedt li għandna nagħmlu minn kollox biex ikollna liġi li *surrogate motherhood* fil-verita' ma sseħx. Qed nifhem sewwa?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Iva.

**ONOR. JOSEPH ABELA:** Allura meta qed tgħid li hemm bżonn li l-liġi tinbidel, f'liema sens għandha tinbidel?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Fl-aħħar parti tat-teżi tiegħi prorpjament għamilt *proposal* għal-liġi kif għandha tkun mill-bidu sal-aħħar, fil-fehma tiegħi. Nista' nassigurakom li kull kelma qistha mitt miljun darba *against* il-liġijiet ta' barra minn Malta. Fejn b'dawk il-liġijiet inħolqu problemi rajt fejn inħolqu l-problemi, x'kien anke l-kliem tal-liġi li ħoloq il-problema u *I made sure* li fil-*proposal* tiegħi ma nniżilhomx. Qgħadt attenta ħafna. Il-fatt li jiena nixtieq li jsir minn kollox biex *surrogate motherhood* ma tiġix permessa huwa propju minħabba l-konvinċiment morali qawwi li għandi kemm hi ħażina etikament. Allura għalfejn imbagħad niġi u ngħid li trid tinbidel il-liġi? Għax sfortunatament għalkemm il-liġi tkun hemm, bħal kull liġi oħra din tinkiser.

Jiġifieri ngħidu x'ngħidu dejjem se ssib dik il-persuna li se jiksirha. Issa meta tinkiser liġi fuq *surrogate motherhood* m'huwiex sempliċement każ li wieħed iħallas multa hu daqshekk għax f'każ bħal dan se jkun hemm wild involut. Allura jekk xi ħadd jikser il-liġi u se jkun hemm wild involut, x'se nagħmlu bih? Il-liġi ta' bħalissa rridu napplikaw. Allura il-liġi li għandna bħalissa, li qiegħda ħażina f'dan ir-rigward, xorta rridu nibdulha ħalli min jikser il-liġi, u jkun hemm wild involut, inkunu nafu x'se nagħmlu bih. Anke jekk ma naqbilx kompletament mal-konċett ta' *surrogate motherhood* xorta naħseb li hemm bżonn ta' bidla fil-liġi.

Barra minnhekk jekk il-liġi nħalluha kif inhi jekk raġel u mara għandhom tarbija minn ta' ''A'' u ''B'' ġenetikament, jekk joqgħod mal-liġi eżatti malli twelled l-omm tibgħat ir-raġel jmur jirreġistra l-*baby* u jibdew il-problemi kollha legali. Jekk dawn iridu jduru mal-liġi, flok l-omm li welldet tibgħat lir-raġel jirreġistra l-*baby*, l-omm u l-missier ġenetiċi jmorru huma jirreġistraw il-*baby*. Issa għeduli naqra min se jkun jaf. Ħadd ma jkun jaf għax anke meta nagħmlu *tests* ġenetiċi r-riżultat jiġi li dik hi ommu u dak hu missieru, allavolja welled ħaddieħor.

**ONOR. JOSEPH ABELA:** Jien naqbel miegħek li s-*surrograte motherhood* għandha tkun xi ħaġa illegali. Imma bl-istess argument, jekk ma jkunx hemm liġi li tirregola din il-ħaġa u din issir klandestinament, allura ma tarax li xorta waħda jista` jkollok periklu?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Għalhekk prorpju nixtieq li l-liġi tinbidel

*anyway* biex jekk issir klandestinament u jkun hemm tarbija li tirriżulta minn din is-*surrogracy* klandestina nkunu l-ewwelnett nafu x'se nagħmlu bih. It-tieni nett irridu noħolqu sitwazzjoni fejn jekk inti toħloq *surrogacy* klandestina u jkun hemm reġistrar tal-*baby*, xi ħadd irid jirreġistrah il-*baby*... Per eżempju, fi Franza għamlu multa fenomenali għal min imur jirreġistra *baby* li ma jkunx tiegħu proprja biex jevitaw din il-ħaġa li qed ngħidlek jien, li flok imur jirreġistrah min iwelled tmur l-omm ġenetika tirreġistrah hi.

**ONOR. JOSEPH ABELA:** Imma kemm inqabdu?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Din m'hijiex kwestjoni ta' kemm jinqabdu. Meta titwieled tarbija xi ħadd irid jirreġistraha….

**ONOR. JOSEPH ABELA:** Qed napprezza li għandu jkun hemm liġi li jekk xi ħadd jirreġistra tarbija li m'hijiex tiegħu jeħel penali, imma kemm hi prattika din il-ħaġa?

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Barra minn Malta hemm xi pajjiżi fejn huwa aċċettabbli li wild ikun riżultat ta' bajda u sperma ta' żewġ persuni, imma l-omm tkun *surrogate*. F'dak il-każ hemm xi każijiet li jirrikonoxxu li wara li jsir it-twelid, jekk jkun hemm anke provi li juru d-DNA li meta jiġu biex jirreġistrawhom, jew minkejja li jkun rreġistrati qabel, wara jista' jsir it-tibdil fuq iċ-ċertifikat tal-wild? F'laqghat oħra li kellna hawnhekk issemmiet l-importanza li l-wild ikun jaf min huma ġenetikament l-omm u l-missier. Allura qed niġu fi stadju fejn għandna *clash*. Għandek id-dritt li tkun taf min huma l-omm u l-missier ġenetikament, imma min-naħa l-oħra qed ngħidu li għandu jiġi rreġistrat minn min attwalment welled it-tarbija fil-ġuf. Allura każ ta' għandna kontradizzjoni. Apparti l-kwestjoni kontra-dittorja dwar id-dritt tat-tfal li jkunu jafu verament min huma genetikament ommhom u missierhom, hawn xi pajjiżi fid-dinja fejn minkejja li jkun hemm is-*surrogate mother,* jekk jingħataw it-tfal li jitwieldu jiġux reġistrati skond min ġenetikament huma l-omm u l-missier?

Bażikament qed nagħmel żewġ mistoqsijiet. Waħda dwar id-dritt tal-wild li jkun jaf min huma ġenetikament u attwalment l-omm u l-missier, li qed ngħidu li etikament u ġustament għandu jkun jafhom u dawk għandhom jiġu *recorded*. U l-oħra dwar jekk hemmx liġijiet f'pajjiżi oħra fejn fil-każ fejn għandek *surrograte mother* xorta waħda fuq iċ-ċertifikat tat-twelid jiġu reġistrati l-omm u l-missier.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Għall-ewwel mistoqsija tiegħek il-problema diġa' tkun anke f'ulied li m'għandhom xejn x'jaqsmu ma' *surrogate parenting*. Jiġifieri llum l-ġurnata jekk titwieled tarbija minn ta' raġel li mhux ir-raġel tal-mara li qed twelldu, il-missier tat-tarbija huwa meqjus ir-raġel li huwa miżżewwġ lill-mara li welldet.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Konna għaddejna liġi fil-parlament xi disa' snin ilu fejn kien ġie aċċettat id-DNA *testing* u jekk ma jkunx hemm aċċettazzjoni min-naħa tar-raġel tal-mara li jagħmel DNA *testing*, imma persuna oħra lesta li tagħmel id-DNA *testing* allura għandek ukoll il-kwestjoni tal-fatt li hu ma marx u hemm artikli legali sħaħ fuqha. Kienet ukoll qamet il-kwestjoni li jekk ikun hemm talba min-naħa ta' persuna li jgħid li dak il-wild huwa tiegħu allavolja m'huwiex ir-raġel tal-mara li wellditu u jkun hemm provi ġustifikati *through* DNA *testing* dan jiġi rikonoxxut li attwalment huwa l-missier.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Meta jkollok problemi li jinħolqu minħabba din il-liġi tal-paternita` fejn ikollok il-missier tal-mara li welldet li huwa konsidrat l-missier tat-tarbija, jista' jkollok żewġ kawżi. Jista` jkollok il-kawża tad-*denegata paternita*`, jiġifieri l-missier stess qed jgħid li dak mhux it-tifel tiegħu, jew inkella jista' jkollok kawża ta' xi ħadd li qed jgħid li dak huwa t-tifel tiegħu u mhux it-tifel tal-mara li welldet. *Section* 70 tas-*civil code* tgħid li inti jista' jkollok DNA *testing* biex tara min hu l-

missier u li l-qorti tista' tqabbdek tagħmlu u jekk ma tagħmlux hemm konsegwenzi li jidhru negattivament fuqek.

Issa għalkemm dik hija s-sitwazzjoni, fejn tidħol maternita` - u hawnhekk jista' jkun hawn kemm *donation* ta' *sperm* u *donation* ta' *ovum* - fil-liġi tagħna m'għandniex xi ħaġa li tistipula l-istess ħaġa għan-nisa. Jiġifieri n-nisa ġaladarba welldu t-trabi m'hemmx ċans għalihom ta' *denegata maternita`* għaliex fil-liġi tagħna r-raġel biss jista' jagħmlu dan id-DNA *test*. Il-mara hija meqjusa dejjem omm it-tarbija, jekk hija welldet. Jiġifieri jista' jkollok il-problema għal dik il-mistoqsija.

Il-mistoqsija l-oħra kienet jekk hemmx pajjiżi barra minn Malta li għandhom liġi li tgħid li l-*genetic parents* jitnizzlu mill-ewwel fuq iċ-ċertifikat tat-twelid. Fit-teżi li għamilt hemm imsemmija sensiela ta' liġijiet li huma totalment differenti minn xulxin, pero' teżisti. X'imkien f'xi *state* ta' l-Amerika fejn jgħidu li *surrogacy* tista' ssir u hija legali - ma nistax ngħid eżatt fejn - hemm *instances* fejn jgħidu li l-*genetic parents* jinżlu mill-ewwel fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tarbija. Stati oħrajn jagħmlu l-istess ħaġa, imma eżattament malli jitwieldu t-trabi tista' ssir *adoption*. Jiġifieri inti dejjem għandek *choice* li kif titwieled tarbija tiġi awtomatikament *adopted*. Imma f'dan il-każ jekk jinqala` intopp ikollok problema kbira.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Il-problema tqum meta l-mara li qed twelled tkun trid iżżomm it-tarbija.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Imbagħad anke jekk il-qorti tgħid li dan huwa każ fejn il-*genetic parents* se jidħlu fuq iċ-ċertifikat tat-twelid dirett xorta se jkollok kawżi. U kien hemm kawżi fejn sabu li kien hemm *surrogate parenting contract unconstitutional* u għalkemm il-liġi kienet kienet tgħid mod xorta waħda nqalbet is-sitwazzjoni. Jiġifieri għandek din it-taħwida kbira.

**THE CHAIRMAN**: L-Onor. Galea.

**ONOR. FRANCO GALEA:** Fil-fatt jien kont se nistaqsi fuq l-*adoption*. Din li s-*surrogate mother* tkun trid tagħtih għall-*adoption* hija xi ħaġa li ssir f'ċerti pajjiżi biss?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Hemm ħafna tipi ta' liġijiet differenti fi *states* differenti. F'dawk il-postijiet fejn is-*surrogate motherhood* hija jew tollerat jew m'hijiex penalizzata jew inkella saħansitra legalizzata favur, wieħed mill-metodi li jintuża hu li l-kuntratt ikun validu pero' l-i*status* tal-persuna jibqa' xorta wild ta' l-omm li welldet, bid-dritt li tagħti għall-*adoption*. F'dawk l-istati li huma totalment kontra jagħmlu *surrogate parenting,* imbagħad ma jħalluhomx minħabba l-liġi u jadottaw it-tfal.

**ONOR. FRANCO GALEA:** Hemm xi liġijiet li jistipulaw kemm-il darba din il-persuna tista' tkun *surrogate mother*?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Le, fl-istudji tiegħi ma sibt l-ebda referenza għal dan.

**ONOR. FRANCO GALEA:** Jidher li fl-IVF normalment ikollhom bżonn jimpjantaw tliet *embryos* u dawk li jkunu żejda jiffriżawhom. Hemm xi stat fejn speċifikament jitlob li jsiru tliet *embryos* jew isiru biss kemm hemm bżonn, imbagħad jekk ikun hemm bżonn jerġa` jibda l-proċess mill-bidu?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** L-istudju tiegħi speċifikament ma kienx daqshekk wiesa` li jinkludi din il-problema. *But I am pretty sure* li waqt li kont qed naqra dwar dawn l-affarijiet qrajt li hemm postijiet li jgħidu li tista' toħloq *embryos* biss kemm se timpjanta.

Għall-mistoqsija tiegħek dwar jekk hemmx liġijiet li jistipulaw kemm-il darba persuna tista' tkun *surrogate mother,* barra li ngħidlek li m'hemmx, kien hemm min kien anke tliet darbiet wara xulxin *surrogate mother* għax xi għaxar snin jew ħmistax-il sena ilu *surrogate*

*mother* kienet diġa' titħallas bejn $10,000 u $40,000 aħseb u ara llum.

**ONOR. FREDERICK AZZOPARDI:** Mill-istħarriġ li għamit jirriżultalek jekk Malta ssirx *surrogacy?*

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Hawn Malta ma kelli l-ebda mezz kif insib lil xi ħadd li jgħidli li ssir jew ma ssirx, għax jekk issir din issir klandestinament. Pero' kieku saret kienet tinqala` l-problema li min welled it-tarbija u normalment imur jirreġistraha, allura kien ikun hemm bżonn ta' *adoption*. Jiġifieri jekk saret b'dak il-mod ikun hemm bżonn ta' *adoption* żgur. (Interruzzjonijiet) Mhux kulħadd jaf il-liġi daqshekk, naħseb li qed tassumi naqra mhux ħażin.

**THE CHAIRMAN**: L-istudji li semmejt huma studji li ħadu *sample* rappreżentattiv jew li għamlu xi tip ta' ċensiment?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Kien hemm kotba partikolari li qrajt fuq nisa infertili, allura kienu studji partikolari ta' nisa infertili u jekk m'iniex sejjer żball kien hemm 250 *women sample.*

**THE CHAIRMAN**: Inti semmejt ħafna stejjer li ma kenux ta' suċċess u li fihom kien hemm ħafna problemi. Imma jista' jkun li dawk li kienu ta' suċċess baqgħu mistura għax ħadd ma jkun irid jgħid li biex kellu tarbija kellu jissellef il-ġuf ta' ħaddieħor?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Mhux jista' ikun, hemm ħafna każijiet ta' suċċess. Ċerta li hemm għax fejn speċjalment *surrogate parenting* hija legalizzata hemm ħafna stejjer ta' suċċess. Pero` naħseb li wieħed irid joqgħod attent kif jgħoddu s-suċċess. Per eżempju, ċertu Noel King li kellu *show* partikolari fuq it-*television* Amerikan kien qed joħloq ħafna problemi fuq din il-prattika. Dan kien qed iġib nisa minn *third world countries* biex jagħmluha ta' *surrogate mothers* u t-trabi li kien ikollhom kienu jagħtuhom mingħajr ebda problema. Jekk persuna qed tistenna li tuża l-utru ta' xi ħadd imbagħad tieħu t-tarbija dak nista' ngħid li huwa suċċess għax dik il-persuna ħadet li riedet. Imma jekk min-naħa l-oħra tara kemm kien nisa li kienu jiġu trasportati bil-lot fl-Amerika biex jitpoġġew ma' familja, jieklu u jorqdu u kultant anke jagħtuhom flus sempliċiment biex jgħixu u mbagħad iwelldu u jagħtuha t-tarbija …. (Interrruzzjonijiet)

**THE CHAIRMAN**: Qed tagħmel wisq enfasi fuq fejn jidħlu l-flus.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Jiena qed insemmilek stejjer ta' suċċess.

**THE CHAIRMAN**: Imma kellek enfasi qawwija fuq fejn jidħlu l-flus. Jiena għalhekk ipprovajt neliminahom.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** Imma ħafna minnhom isiru bil-flus.

**THE CHAIRMAN**: Imma għal mument assumi li ma jkunx hemm flus fin-nofs u l-intenzjoni tkun kollha kemm hi nobbli, tibqa' problematika?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Tibqa`, għax id-dinjita` tal-bniedem ma tirriduċihiex.

**THE CHAIRMAN**: Inti għedt li s-*surrogate mother* jista` jkun li taqa` f'*depression.*

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Mhux għax taqa` f'*depression* biss, imma għax jekk xi ħadd mhux qed juża lil dik il-persuna għal dak li hi, iżda għal skop ulterjuri....

**THE CHAIRMAN**: Imma jekk id-deċiżjoni tagħha hija informata l-argument tad-*depression* ma jreġix għax inti ma taqtax il-*pregnancy* sempliċiment minħabba li xi ħadd jista' jaqa` f'*depression.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA**: Ħalli nġib daqsxejn eżempju ieħor. Waħda kellha 25 sena iżżewġet u tilef l-utru minħabba mard partikolari. Hi u r-raġel xtaqu li jkollhom it-tfal u oħtha offriet li jekk ikun hemm fertilizazzjoni *in vitro* lesta li tkabbrilha t-tarbija u tagħtihielha lura mingħajr ma jgħaddu flus. Dan bħal meta xi ħadd għandu bżonn kilwa, tmur għand tal-familja u xi ħadd tal-familja jagħti din il-kilwa. Ġieli kien hemm każijiet fejn xi ħadd li jkollu l-*leukaemia* jingħata l-mudullun minn xi ħadd tal-familja tiegħu. Issa fil-każ li qed insemmi jien, din offriet l-utru tagħha lill-oħtha li tixtieq ikollha tfal. Din tippreferi li jkollha t-tfal bil-*genes* tagħha u tar-raġel u mhux tadotta jew tiffosterja u oħtha mingħajr interessi ta' xejn offriet l-utru tagħha għal disa' xhur .

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Id-differenza bejn iż-żewġ affarijiet hija li meta qed tagħti kilwa jew l-mudullun lill-oħtok m'intix qed toħloq persuna ġdida bid-drittijiet u l-bżonnijiet tagħha u li lilha għandek dmir sagrosant li ma toħloqilhiex *harm* li inti tista' tevita. Dan mhux argument li tista` tagħmel anoloġija eżatt ma' l-għoti ta' kilwa jew mudullun. Meta tagħti kilwa lill-oħtok, il-kilwa m'hijiex se ssejjaħlek mama` u zija, imma meta tagħti tagħti l-utru għall-bżonnijiet ta' oħtok hemm tarbija fin-nofs.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA**: Ħa nkun daqsxejn ironiku. Ġenetikament xorta qegħdin nittrataw ma` mama` li hija ġenetikament l-omm proprja u z-zija li attwalment kienet qed twellidha.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Jiena dik li qed nipprova nevita.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: L-Onor. Michael Farrugia ta eżempju perfett. Iz-zija se tkun kuntenta, l-omm se tkun kuntenta, ir-raġel l-istess u se jkollhom tarbija. X'qed tara ħażin fiha din?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Insejt it-tarbija kompletament.

**THE CHAIRMAN**: Għaliex se jkun ħażin għat-tarbija?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Li kieku jiena, illum persuna adulta naf nirraġuna u nħares lejn .... (Interruzzjonijiet)

**THE CHAIRMAN**: Imma inti tħossok fil-pożizzjoni komda li tiddeċiedi għal dik l-omm x'inhu l-aħjar għall-binha?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Jiena naħseb li intom tridu tkunu komdi għax intom se tagħmluha l-liġi, imma nixtieqkom li ma tkunux.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Kieku inti tpoġġi lilek innifsek minflok dik it-tarbija, kieku ma kienx għak dak il-proċess inti lanqas biss teżisti.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Meta qrajt il-preżentazzjoni tiegħi għamilt b'mod ċar id-differenza bejn ma tiġix konċeput u tiġi konċeput f'baħar ta' nkwiet jew bi problemi li nafu li se jkollok. Id-differenza hi li *you are not harming a child that does not exist*, mentri *you are capable of harming a future child that you are bringing to life*.

**THE CHAIRMAN**: Imma inti qed tiftaħ l-argument fuq kif potenzjalment kull koppja li tista' twelled tista' tagħmel ħsara. Bir-rispett kollu, allura issa nibdew nagħmlu t-testijiet lill-ġenituri biex naraw humiex kapaċi li jġorru.... (Interruzzjonijiet)

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Imma xi ħaġa li m'għandniex kontroll fuqha m'għandniex dmir li nwaqqfuha.

**THE CHAIRMAN**: X'jiġifieri m'għandniex kontroll fuqha? Nistgħu nagħmlu liġi li rridu b'dak l-argument. Dażgur li jista' jkollna kontroll fuqha, nistgħu nagħmlu liġi.

**ONOR. JOSEPH ABELA**: Imma naħseb li nkunu qed ninjoraw il-bżonnijiet ta' dak it-

tifel li meta jħares lura se jsib li z-zija tiegħu hija ommu. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Inti qed isemmi l-bżonnijiet ta' dak it-tifel. Kieku ma kienx għal dik il-proċedura lanqas qatt twieled dak it-ttifel.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: U x'fiha ħażin kieku ma kienx hawn dak it-tifel?!

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Hemm ħafna ħażin. Tajtu ċ-ċans ..... (Interuzzjonijiet)

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Tajtu ċ-ċans! Mela dak kien f'xi dinja oħra qed jistenna li jitwieled?!

**THE CHAIRMAN**: Tajt iċ-ċans li familja tifforma.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Ma kienx qiegħed f'dinja jistenna li jitwieled.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Ma tistax tuża dak l-argument.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Dażgur li tista'. Dak huwa tip ta' argument fallaċi li tgħid li tajtu ċ-ċans.

**ONOR. JOSEPH ABELA**: Il-mistoqsija li rridu nwieġbu hija: Lil min se tkun qed taqdi l-iktar lill-omm jew lit-tarbija?

**THE CHAIRMAN**: Mela b'dan l-arugment nagħmlu l-IVF illegali jekk se noqogħdu naraw lil min se naqdu l-iktar. Nagħmlu l-IVF illegali u naqtgħu l-adozzjoni għax l-adozzjoni hija konċett utilitarista` għall-aħħar.... (Interruzzjonijiet) Mela x'inhi! Xi ħadd jista` jikkonvinċini hawn ġew li l-adozzjoni ssir għall-ġid tat-tfal li inti ma tafhomx?! Dak lanqas jeżisti fil-moħħ ta' ħadd. Issir *to fulfill a need* li jkollok familja. Ma nibdewx nidħlu f'ħafna filosofiji u morali kbar u mbagħad nafu li fil-prattika ma jsirx hekk. Aħna qed nagħmlu dawn id-domandi biex naslu għal xi liġi u regolamenti. Pero` filwaqt li llum hawn biża` sħiħa li m'hemmx liġi u kulħadd jista' jagħmel li jrid, hemm *vacuum*, lanqas irrid li nasal għal-liġi - jien ma rridx li jkolli xi ħaġa fuq il-kuxjenza tiegħi u għalhekk qed nagħmlu d-domandi - li permezz tagħha nkun ipprojbejt u kissirt nies sempliċiment għax m'għandniex risposta ċara u ngħid għall-biża` nagħmel hekk. Jien irrid inkun konvint u għalhekk bqajt ninsisti u ngħidlek: Nagħmlu mod li m'hemmx flus u nagħmlu mod li l-intenzjoni hija tajba.

**ONOR. JOSEPH ABELA**: U dan meta nafu li se jkun hemm il-flus u affarijiet oħra.

**THE CHAIRMAN**: X'jiġifieri nafu li se jkun hemm il-flus? Mela nerġa` nagħti l-eżempju ta' l-ewwel, naqtgħu s-skieken mill-pajjiż għax jistgħu jintużaw ħażin. Jekk l-intenzjoni hija assolutament tajba, jekk il-persuna li hija s-*surrogate mother* hija informata tajjeb x'jista` jiġri jekk tidħol għal dan ir-riskju u taf li l-wild mhux se jkun tagħha, imma se jkun ta' ħaddieħor għax qed tgħidli li trid tħares lejn il-wild? Meta nħares lejn il-wild mhux f'idejn il-ġenituri trid tafda ħafna drabi? Meta jiena nasal biex lit-tifel nibagħtu l-iskola min minnkom se jindaħalli f'liema skola nibagħtu? Mhux jiena nagħżilha l-edukazzjoni tiegħu? Min se jindaħalli x'valuri ngħaddilu lit-tifel? Mhux jien nagħżilhom? U rridu noqogħdu attenti għax meta ngħaddu liġi tfisser li l-istat se jidħol fuq l-individwu. (Interruzzjonijiet) Appuntu. Mela rridu noqogħdu attenti li l-istat ma jkunx tirann u jien qed nitolbok biex tikkonvinċini li meta ngħaddu l-liġi kif tridha inti jien mhux se nkun wieħed minn dawk it-tiranni. Dak li rrid biss jiena.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Per eżempju, jekk tieħu l-liġi li tapplika għal kull kuntratt f'dan il-pajjiż, inkluż kuntratti li aħna nsejħulhom *sui generis,* jiġifieri li għandhom natura tagħhom speċifika, xorta jridu jkunu jaqgħu taħt il-liġi tal-kuntratti normali. Semmejt sensiela ta' affarijiet li għalkemm ikollok liġi ta' kuntratti *sui*

*generis,* jista` jkun li dan it-tip ta' kuntratt joħloq problema. Waħda mill-problemi li ma semmejtx hija li tista` tagħmel kuntratt taħt *duress* u dan jiġi invalidu. F'kull kuntratt ta' kull oġġett, jekk inti tagħmel kuntratt taħt *duress,* dak huwa invalidu.

Kien hemm liġijiet anke barra minn Malta li jistgħu jittieħdu, bħalma ġieli nagħmlu, bħala bażi li niddeċiedu aħna wkoll, li kienu jgħidu li jekk persuna tiffirma kuntratt li se tagħti t-tarbija hi se tkun f'pożizzjoni qabel ma tinqabad tqila li ma tkunx taf minn xiex se tgħaddi meta tiġi biex tagħti lil dik it-tarbija, m'għandhiex *a consent* li taf x'qed taħgmel dak il-ħin, u l-kuntratt bil-liġi normali tal-kuntratti ma jistax ikun kuntratt validu. Barra minnhekk tali kuntratt jista` jaqa` bħala invalidu b'kuntratt taħt *duress* li qed iġġiegħel lil xi ħadd jagħmel xi ħaġa li fil-verita` mhux se jkun irid jagħmel għax ma jistax fin-natura tiegħu. (Interruzzjonijiet) Hemm nisa li jagħtuhom, hemm nisa li jħalluhom f'*rubbish bin* it-tfal, imma l-parti l-kbira tan-nisa ma jagħmlux hekk.

Il-liġi tistgħu ddawruha kif tridu, imma jekk tridu li dan ikun l-iktar kuntratt totalment differenti minn kull kuntratt ieħor biex żgur inkunu għamilna xi ħaġa differenti tridu tbiddlu l-liġi tal-kuntratti nnifisha għax l-ebda kuntratt ma tista' tagħmel *under duress*. Lanqas tiżżewweġ ma tista' *under duress* jekk ma tkunx taf verament għal xiex dieħel. L-affarijiet iridu jkunu ċari u emminni li billi jispjegawhomlok ħafna drabi xorta ma jkunu ċari biżżejjed. Li tiispjega m'hijiex biżżejjed. (Interruzzjonijiet) Intom m'intomx nisa, ma tgħaddux mill-proċess li tgħaddi mara biex twelled, mill-proċess ta' xi tħoss u kif jinbidel anke ġisimha, aħseb u ara kif tinbidel mentalment meta ssir omm. Għalhekk kont nixtieq kieku kien hawn mara magħkom għax forsi kienet tista` tagħti ftit aspettattiva kemm xejn differenti, għax nixtiequ kemm nixtiequ nkunu ndaqs m'aħniex pariġġ.

**THE CHAIRMAN**: Imma ħafna mis-*surrogate mothers* ma jkunux diġa` għaddew mill-esperjenza?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Mhux neċessarjament.

**THE CHAIRMAN**: U jekk ikunu għaddew kollha mill-esperjenza u jkunu jafu kif tinbidel?

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Fejn jidħlu kuntratti, probabbilment għandek raġun, imma aħna, speċjalment jien, inkun irrid nara eżattament il-ħsieb etikament u moralment warajha. Meta inti qed titkellem fuq kuntratti u tgħid li mbagħad jistgħu jinqalgħu ħafna problemi ..... (Interruzzjonijiet) Jekk mara se tieħu deċiżjoni u mbagħad se tkun tqila u ma tafx x'se jiġri wara….. (Interruzzjonijiet) Inti bdejt il-preżentazzjoni tiegħek billi għedt li qabel ma bdejt tagħmel it-teżi kont taqbel mal-konċett.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Imma għax ma kontx għadni rajt l-etika warajha.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: F'daqqa waħda inti bdilt l-idea tiegħek kollha. Għaliex bdilt l-idea kollha?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Minħabba l-*ethical problem.*

**ONOR. MICHAEL GONZI**: L-istudji li rajt inti kienu studji ta' l-affarijiet il-koroh. L-affarijiet is-sbieħ probabbilment lanqas huma mniżżlin fl-istudji għax ma jidhrux.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Ma jitilgħux il-qorti dawn l-affarijiet, pero' ma jfissirx li ma qrajtx fuqhom.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Mela inti bbażajt il-ħsieb tiegħek fuq l-affarijiet il-ħżiena, dawk li telgħu l-qorti. Imma għidli statistikament kemm hemm nies li ma telgħux il-qorti u li llum huma ġenituri li huma *happy*. Fejn qiegħda l-istatisitka?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Ħa ngħidlek x'inhi l-problema. Per eżempju, hawn min jgħid li jaqbel mal-liġi tal-*capital*

*punishment* u hawn min jgħidlek ma jaqbilx għax jekk għandek ammont ta' nies li jistgħu jkunu innoċenti mhux tajjeb li nagħmlu *capital punishment* għax se jbatu ċerti nies. Jista` jkollok 98% tan-nies li ħaqqhom *capital punishment* u 2% li ma ħaqqhomx. Dawk it-2% li ma ħaqqhomx toqtolhom għax għandek liġi .... (Interruzzjonijiet)

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Int qed tgħid xi ħaġa negattiva. Imma x'hemm pożittiv?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Ħalli ngħidlek x'hemm pożittiv. Hija mistoqsija li qed nieħu pjaċir li qed tagħmilli. Hemm ħafna affarijiet li jiena naħseb li huma pożittivi f'din il-ħaġa. Jekk ngħidlek x'inhuma l-affarijiet pożittivi naħseb li min m'għandux trabi jew ma jistax ikollu trabi għalija hija konsolazzjoni li għandek mod ieħor kif ikollok tarbija. Bħala mara nħossha diffiċli li ngħid lil mara oħra: Inti ma jistax ikollok tfal u jiena m'iniex qed nagħtik iċ-ċans li jkollok it-tfal. Pero` fil-*weights* tiegħi ta' affarijiet li jiena nsib li etikament m'humiex korretti f'din il-prattika, meta nwiżinhom ma` x'tista` tgħidli mara li ma jistax ikollha tfal ma nistax b'kuxjenza safja ngħidilha li se nagħtiha *surrogate motherhood* bħala *option*. Għaliex? Għax jiena naf li hemm problemi etiċi kbar u ma nistax għad-desiderju ta' xi ħadd nippreferih mit-tajjeb ta' tarbija li se noħolqu aħna u nagħmlu li rridu biha.

Naħseb li hemm problemi etiċi kbar li *they outweigh* il-bżonn tan-nies li jridu tarbija u jriduha bilfors ġenetikament relatata. Ma ninsewx li hemm l-*adoption*. Jekk mara verament trid tarbija hemm bżonn tkun *surrogate motherhood* li tagħtiha tarbija? X'inhi din il-fissazzjoni ġenetika li bilfors trid tarbija ġenetikament relatata?

**THE CHAIRMAN**: Bl-istess argument li jien mhux mara u ma nkunx naf it-tibdiliet tal-mara ma nistax ngħidlek li inti ma tistax tkun taf eżattament dik il-fissazzjoni minn fejn ġejja u għalhekk ma tistax tiġġudika l-bżonnijiet tiegħi?

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Ċerti affarijiet ma tkunx taf kif se joħorġu. Intom qed tibbażaw ħafna fuq *law*. Inti trid tara hawn, etikament u moralment xi tħoss, xi trid. *That is the point.*

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Il-liġi tista' tinbidel *very easily*. Huma *the ethical problems* li jagħtuni t-*trouble* f'dan kollu, m'hijiex il-liġi. Il-liġi, għalkemm tista' toħloq problemi, tistgħu tibdluha faċilment. Imma l-problemi etiċi wara s-*surrogate motherhood* jdejquni għax naħseb li *they outweigh* id-*desire* tan-nies li jkollhom tfal ġenetikament relatati. Jista' jkollhom tfal li m'humiex ġenetikament relatati, jekk iridu jadottaw…. (Interruzzjonijiet) Diffiċli, mhux qed ngħid li mhux diffiċli għax jiena għaddejt perijodu li wara li tlift l-ewwel tarbija ffissajt li mhux se jkolli tfal, jiġifieri tistgħu taħsbu kif ħassejtni meta tlift lil dik it-tarbija.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Meta aħna għaddejna mill-istess proċedura ħassejt l-istess bħalek.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Jiena għedt daqshekk.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Taħsibx li l-mara biss taħseb hekk, anke raġel jaħseb hekk.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Pero` meta kien għaddej minn moħħi l-ħsieb li mhux se jkolli tfal minn tiegħi u ħarist lejha - u tistgħu taħsbu kif qrajtha - fil-kuxjenza tiegħi għedt li ma nistax nibdel paragrafu minnha, fis-sens li dak li hawn etikament ħażin ma nistax nagħmlu tajjeb bid-*desire* tiegħi li jkolli din it-tarbija li tiġi minni. Ma nistax, għax inkun qed nagħmel ħsara lil xi ħadd li qed noħolqu għax inħobbu. Kif nista' nagħmel ħsara lil xi ħadd li qed noħolqu għax inħobb?! Qed nibdielu bil-problemi jien stess li qed nagħmlu u li suppost li jiena ommu l-iktar li rridlu ġid! Ma stajtx nagħmilha.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Imma tajtu ċans li jiġi fid-dinja.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: M'hijiex biżżejjed. Ma naħsibx li huwa biżżejjed li nġibu fid-dinja.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Mela l-fatt li ġibtu fid-dinja u li se jkollu familja iktar magħquda, etikament ma taċċettahx. Jiġifieri *a happy family, a happy nucleus, a happy child* m'humiex *a positive outcome*?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Fil-professjoni tagħna *we tend* li naraw ħafna dwejjaq, pero` ġieli ġew nies nies li jgħidulek li kellhom familja meraviljuża li rabbiethom imma jinfexxu jibku quddiemek għax ma jafux min hi ommhom jew għax ma jafux għalfejn telqithom ommhom. Issa dawn adottati, mhux xi ħadd għamilhom għal flus. Dawn jibdew jgħidulek: Jiena nħobbha lill-ommi, imma għalfejn ommi li wellditni telqitni?

**THE CHAIRMAN**: *This is something else*. Għalhekk m'aħniex naqblu għax qed jidħlu konċetti oħra.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Jista` jkun li għandek raġun f'dan il-konċett, imma aħna qed nitkellmu fuq *genetic baby* ta' l-omm u tal-missier. L-argument ta' l-*adoption* jispiċċa kompletament.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Jiġifieri għax omm u missier huma ġenetikament relatati miegħi, min wellidni għalija ma jfisser xejn. Qed nifhem sew?

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Ifhimni, jekk nuża l-konċett tal-*container* li użajt inti, iva.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Jiġifieri billi xi ħadd jiġi jgħidlek dik il-mara li wellditek kulma hi *"container"*, toqgħodx tagħti kasha. Ġenetikament int qiegħed ma' ommok u ma' missierek, tagħtix kasha. Taħseb li billi tgħidli hekk se taffettwali x'inħoss jien għall-omm li ġarritni?

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Pero` meta qed titkellem fuq x'se tħoss int ma jfissirx li se tħoss inti se jħossuh miljun ta' nies oħra.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE:** *Definitely*.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Għalhekk qed ngħidlek.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Jien qed ngħidilkom x'naħseb jien. M'iniex qed nagħmel liġi, intom se tagħmluha. Jiġfiieri ma nistax nitkellem għal miljun ruħ.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Imma jiena ma nistax nuża dak l-agument u ngħid dik ħażina għax Dr. Deborah qed tħossha hekk.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Imma kieku jiġi bniedem għandek u jgħidlek li għandu problema, għax mwieled minn omm u missier li jaf min huma u joqgħod magħhom u għandu omm li wellditu li kulħadd qed jgħidli li din ma tfisser xejn għalih, inti x'tgħidlu lil dan? Tgħidlu li għamilt liġi li biha pprovajt tolqot kemm jista` jkun nies imma lilu ma lqattux? Dejjem se jkun nies li m'intix se tolqot.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Jekk se titkellem fuq IVF, fuq *adoption* jew fuq *surrogate motherhood* dawn l-affarijiet dejjem se jinqalgħu. Il-konċett hu għal xiex qed isiru l-IVF u dawn l-affarijiet. Ir-raġuni ewlenija hija biex tikkkuntenta lil dawk il-ġenituri li ma jistax ikollhom it-tfal.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Mhux hekk! Lejn dawk tħarsu biss!

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Mhux lejhom biss. Jien noqgħod attent u mmur pass *oltre*`. Trid tħares lejn il-ġenituri u lejn il-fatt li tajt ċans lil dik it-tarbija tiġi fid-dinja. Kieku ma kienx għal din is-sistema din mhux qiegħda fid-dinja. Jekk jiena ngħid li nemmen fil-Mulej u ngħid il-Mulej tah ċans permezz ta' din il-proċedura, dak ikun arugment ieħor. Imma ma rridx indaħal ir-reliġjon fin-nofs.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TAOBNE**: Bl-istess argument l-*embryos* ffriżati li ġew *flushed down the drain* allura Alla ma tahomx iċ-ċans?!

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Jekk smajt ir-*recordings* jew qrajt it-*transcripts* tal-laqghat li kellna qabel taf li aħna qatt m'aċċettajnihom dawk l-affarijiet, u jien personalment mhux se naċċettahom. Imma inti trid tara l-kuntentezza u l-ġid li joħorġu minn dawn il-proċeduri kollha.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Imma trid tarahom għal kulħadd mhux għal ġenituri biss.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: Jien għandi pazjenta *adopted* minn barra minn Malta u wara sentjen ġiet ommha u nqala` kaos sħiħ fil-qorti. Jiġifieri dawn l-affarijiet legali dejjem se jinqalgħu.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Imma l-adozzjoni m'hijiex l-istess ħaġa bħal *surrogate motherhood*.

**ONOR. MICHAEL GONZI**: *That is the point* għax *there is a genetic basis*.

**ONOR. FRANCO GALEA**: Ma nafx jekk f'pajjiżi oħra jippreparawx is-*surrogate mother* għax inħossha diffiċli ħafna kif mara, anke minħabba l-istess don li ta Alla biex tweled tarbija, qatt tista' tagħti tarbija li kienet fiha għal disa` xhur sħaħ. Semmejna l-*container*, jiena għaddejt minn esperjenza fejn mara tilfet it-tarbija tagħha fl-ewwel xhur ta' tqala u dan il-*container* fejn kienet it-tarbija għadu qisu l-ikbar teżor tal-familja. L-arugment tiegħi huwa jekk f'pajjjiżi oħra jippreparawx *surrogate mothers* u jekk tafx b'xi każijiet fejn anke l-omm li tkun tat it-tarbija daħlitx taħt xi forma ta' *post-natal depression.*

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Qed nipprova niftakar jekk iltqajtx ma każijiet ta' *post-natal depression*. Ma naħsibx li ltqajt ma xi ħadd li qal li kellu *post-natal depression* jew xi ħadd li qal li hu kellu pazjenti li kellhom. Imma kien hemm studji li kienu jgħidu li din tista' tkun waħda mill-affarijiet li jistgħu jiġru lis-*surrogate mother*.

Fuq jekk in-nisa jkunux preparati nista' ngħid li f'ċerti *surrogate parenting clinics* ikun hemm ftit ta' *preparation* għas-*surrogate mother*. Pero` iktar milli tkun *preparation* għal *psychological problems* tkun *preparation* biex dik li tkun ma tbiddilx il-ħsieb tagħha wara li twelled.

**ONOR. FRANCO GALEA**: Ma nafx jekk f'xi pajjiżi jew *clinics* partikolari jsirux xi tip ta' *follow-ups* mas-*surrogate mothers.* Qed nistaqsi dan għax ma nafux fir-realta` x'inhu l-impatt fuq dik il-persuna li tkunu għamlet dak li għamlet għal flus. Dan bħal fil-każijiet ta' nisa li jkunu għamlu *abortion*, tilfu t-tarbija u mbagħad nafu xi problemi huma stess joħolqu lilhom nfushom.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Waħda mill-ikbar problemi li hemm hija li barra li ma saritx dokumentazzjoni u ħadd m'għamel *monitoring* ta' dawn l-affarijiet fuq l-ommijiet lanqas ma sar daqshekk *monitoring* fuq it-tfal. Minn dak li qrajt jiena ma joħroġx li kien hemm *instances* fejn it-tfal ġew *monitored* wara. Din kienet waħda mill-problemi. Għallinqas mill-istudji li qrajt jiena iktar ippruvaw jgħidu biex il-*media* ma tidħolx u biex dawn l-affarijiet ma jkomplux jikkomplikaw is-sitwazzjoni prekarja li diġa` jistgħu jkunu fiha t-tfal. Jippruvaw jeleminaw dan it-tip ta' *focus* minn fuq dawn it-tfal bil-konsegwenza li ma jkunux jafu daqshekk….

**ONOR. FRANCO GALEA**: Voldieri qed nifhem sew li studji attwali ma sarux, anzi jekk kien hemm xi ħaġa ntefgħet taħt it-tapit.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Jien m'iniex *psychologist*, pero` meta kont qed nagħmel it-teżi għamilt ħafna riċerka *horizontal* u jien ma ltqajtx magħhom. Jekk sarux ma nafx, pero` jiena ma ltqajtx magħhom.

**ONOR. JOSEPH ABELA:** Inti semmejt diversi implikazzjonijiet legali speċjalment fejn jidħlu l-ulied li jitwieldu minn *surrogate mothers*. X'kien l-effett ta' dawn l-implikazzjonijiet legali fuq is-s*urrogate mothers*? Mill-istudji tiegħek iltqajt ma xi ħaġa partikoalri f'dan is-sens?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Il-liġijiet ta' ħafna pajjiżi, inkluż kif inhi attwali l-liġi ta' Malta, jagħtu d-dritt lis-*surrogate mother* li żżomm lit-tarbija. Imma anke fejn kien hemm liġijiet apposta fuq *surrogate motherhood*, jekk l-omm tkun trid tiddiżonora l-kuntratt f'ċerti postijiet tista`.

**ONOR. JOSEPH ABELA**: Anke fejn dan il-qasam huwa regolat?

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Anke fejn huwa regolat. Ikun hemm każijiet fejn is-*surrogate mother* ittella` lill-*commissioning parents* il-qorti għax tgħid li għalkemm hemm liġi li tagħtihom id-dritt li jeħduli t-tarbija, dan id-dritt huwa anti-kostituzzjonal u l-qorti suprema taqleb il-liġi u tgħidlhom li t-tarbija għandha tibqa` għand l-omm. Kien hemm ukoll każijiet bil-kontra fi stati diversi għax hemm ħafna postijiet. Jiġifieri *it can go both ways* imma l-maġġoranza tal-liġijiet jiffavorixxu lis-*surrogate mother*.

**THE CHAIRMAN**: Nirringrazzjak. Irrid ngħidlek li trid tifhem li kif għedt inti stess hawn ċertu piż fuq din in-naħa u qabel ma wieħed ikun konvint żgur li ma jistax jieħu d-deċiżjonijiet finali tiegħu.

**DR. DEBORAH SCHEMBRI TABONE**: Nirringrazzjakom għax fl-aħħar, sentejn riċerka u sitt xhur kitba forsi se jservu għal xi ħaġa.

**THE CHAIRMAN**: M'hemmx dubju li se jservu ħafna. Mill-ġdid nerġa` nirringrazzjak għall-preżentazzjoni dettaljata tiegħek u naġġorna l-kumitat għal għada fis-6.30 p.m.

*Fid-9.00 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar it-Tlieta 12 ta' April, 2005 fis-6.30 p.m. b'din l-aġenda:-*

Il-Bioteknologija f'Malta u d-drittijiet tal-Bniedem - (Kontinwazzjoni).